IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.3.2019
COM(2019) 146 final

ANNEX 2

**ANNESS**

**ta' [...]**

**Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea rigward ċerti proposti sottomessi lit-18-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (CoP 18) għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), Colombo, is-Sri Lanka, it-23 ta' Mejju - it-3 ta' Ġunju 2019**

# ANNESS II

## Il-Pożizzjoni tal-Unjoni dwar ċerti proposti sottomessi fit-18-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), Colombo, is-Sri Lanka, it-23 ta' Mejju – it-3 ta' Ġunju 2019

| | | |
|---|---|---|
| "+" jindika pożizzjoni favur | "–" jindika pożizzjoni kontra | "0" jindika pożizzjoni miftuħa |
| "( )" jindika l-ħtieġa għal aktar analiżi | | |

### 1. DOKUMENTI TA' ĦIDMA

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| Ċerimonja tal-ftuħ | | | | Ebda dokument | |
| **Kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji** | | | | | |
| 1. | **Elezzjoni** tal-President, il-President Sostitut u l-Viċi Presidenti tal-laqgħa u tal-Presidenti tal-Kumitati I u II | | | Ebda dokument | |
| 2. | Adozzjoni tal-**aġenda** | | | | |
| 3. | Adozzjoni tal-**programm ta' ħidma** | | | | |
| 4. | **Regoli ta' proċedura** | | | | |
| | 4.1 | Regoli ta' Proċedura għat-18-il laqgħa tal-CoP18 tal-Konferenza tal-Partijiet Dok. 4.1 | Sek. | Ħu nota tad-dok. li fih ir-RoP attwali, li jibqa' validu sakemm jiġi emendat mill-CoP (ara l-Artikolu 32). | |
| | 4.2 | Rieżami tar-Regoli ta' Proċedura tal-CoP18. Dok. 4.2 | SC | Appoġġa ż-żamma tar-RoP mhux mibdula waqt il-CoP18; kif ukoll appoġġa l-mandat ġdid għall-SC biex jirrevedi l-Artikolu 25 (Proċedura biex jiġu deċiżi emendi għall-Appendiċi) mill-CoP19. | + |
| 5. | Kumitat tal-**Kredenzjali** | | | | |
| | 5.1 | L-istabbiliment tal-Kumitat tal-Kredenzjali (ebda dokument) | | Ebda dokument | |
| | 5.2 | Rapport tal-Kumitat tal-Kredenzjali (ebda dokument) | | Ebda dokument | |
| 6. | Ammissjoni tal-**osservaturi** | | | | |

[1] Sek. = Segretarjat tas-CITES, SC = Kumitat Permanenti, AC = Kumitat tal-Annimali, PC = Kumitat tal-Pjanti. Għall-kodiċi tal-pajjiż, ara ISO 3166.

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| 7. | **Amministrazzjoni, finanzjament u baġit** tas-Segretarjat u tal-laqgħat tal-Konferenza tal-Partijiet | | | | |
| | 7.1 | Amministrazzjoni tas-Segretarjat CoP18 Dok. 7.1 | | | |
| | 7.2 | Rapport tad-Direttur Eżekuttiv tal-UNEP dwar kwistjonijiet amministrattivi u oħrajn | | | |
| | 7.3 | Rapporti finanzjarji għall-2016-2019 CoP18 Dok. 7.3 | | | |
| | | Anness 1: Rapport finanzjarju dwar programm ta' xogħol bi stima tal-ispejjeż għall-2016 CoP18 Dok. 7.3 A1 | | | |
| | | Anness 2: Fond Fiduċjarju tas-CITES (CTL) – status tal-kontribuzzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2016 CoP18 Dok. 7.3 A2 | | | |
| | | Anness 3: Fond Fiduċjarju Estern tas-CITES (QTL) – status tal-kontribuzzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2016 CoP18 Dok. 7.3 A3 | | | |
| | | Anness 4: Rapport finanzjarju dwar programm ta' xogħol bi stima tal-ispejjeż għall-2017 CoP18 Dok. 7.3 A4 | | | |
| | | Anness 5: Fond Fiduċjarju tas-CITES (CTL) – status tal-kontribuzzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2017 CoP18 Dok. 7.3 A5 | | | |
| | | Anness 6: Fond Fiduċjarju Estern tas-CITES (QTL) – status tal-kontribuzzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2017 CoP18 Dok. 7.3 A6 | | | |
| | | Anness 7: Rapport finanzjarju dwar programm ta' ħidma bi stima tal-ispejjeż għall-2018 CoP18 Dok. 7.3 A7 | | | |
| | | Anness 8: Fond Fiduċjarju tas-CITES (CTL) – status tal-kontribuzzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2018 CoP18 Dok. 7.3 A8 | | | |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Anness 9: Fond Fiduċjarju tas-CITES (CTL) – status tal-kontribuzzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2018 CoP18 Dok. 7.3 A9 | | | |
| | | Anness 10: Fond Fiduċjarju Estern tas-CITES (QTL) – status tal-kontribuzzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2018 CoP18 Dok. 7.3 A10 | | | |
| | | Anness 11: Dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u l-pożizzjoni finanzjarja għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 CoP18 Dok. 7.3 A11 | | | |
| | | Anness 12: Rapport finanzjarju dwar programm ta' xogħol bi stima tal-ispejjeż għall-2019 (sal-31 ta' Marzu 2019) | | | |
| | | Anness 13: Fond Fiduċjarju tas-CITES (CTL) – status tal-kontribuzzjonijiet sal-31 ta' Marzu 2019 | | | |
| | | Anness 14: Fond Fiduċjarju Estern tas-CITES (QTL) – status tal-kontribuzzjonijiet sal-31 ta' Marzu 2019 | | | |
| | 7.4 | Baġit u programm ta' ħidma għall-2020-2022 CoP18 Dok. 7.4 | | | |
| | | Anness 1: Abbozz ta' Riżoluzzjoni dwar *Il-Finanzjament u l-programm ta' ħidma bi stima għas-Segretarjat għat-tliet snin 2020-2022* CoP18 Dok. 7.4 A1 | | | |
| | | Anness 2: Ix-xenarju tal-baġit – l-ebda tkabbir reali CoP18 Dok. 7.4 A2 | | | |
| | | Anness 3: Ix-xenarju tal-baġit – l-ebda tkabbir nominali CoP18 Dok. 7.4 A3 | | | |
| | | Anness 4: Ix-xenarju tal-baġit – tkabbir gradwali CoP18 Dok. 7.4 A4 | | | |
| | 7.5 | Aċċess għal finanzjament, inkluż finanzjament mill-GEF CoP18 Dok. 7.5 | | | |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 7.6 | Proġett tad-***delegati sponsorjati*** CoP18 Dok. 7.6 | | Sek. | Appoġġa ż-żamma tal-kriterji tal-għażla attwali; Is-Sek. għandu jesplora l-estensjoni tal-proġett mill-CoP għal-laqgħat tal-Kumitat | + |
| 8. | Abbozz ta' riżoluzzjoni dwar l-**istrateġija lingwistika** għall-Konvenzjoni CoP18 Dok. 8 | | | IQ | Mhux ċar għalfejn l-Għarbi għandu jiżdied bħala lingwa uffiċjali tas-CITES u mhux lingwi oħra tan-NU (Ċiniż, Russu). L-implikazzjonijiet baġitarji u aktar dewmien potenzjali fil-produzzjoni tad-dokumenti jmorru kontra l-proposta. | – |
| **Kwistjonijiet strateġiċi** | | | | | | |
| 9. | Rapporti u rakkomandazzjonijiet tal-**Kumitat** | | | | | |
| | 9.1 | Kumitat ***Permanenti*** | | | | |
| | | 9.1.1. | Rapport tal-President CoP18 Dok. 9.1.1 | | | |
| | | 9.1.2. | Elezzjoni tal-membri reġjonali u reġjonali sostituti ġodda (ebda dokument) | | | |
| | 9.2 | Kumitat tal-***Annimali*** | | | | |
| | | 9.2.1. | Rapport tal-President | | | |
| | | 9.2.2. | Elezzjoni tal-membri reġjonali u reġjonali sostituti ġodda (ebda dokument) | | | |
| | 9.3 | Kumitat tal-***Pjanti*** | | | | |
| | | 9.3.1. | Rapport tal-President CoP18 Dok. 9.3.1 | | | |
| | | 9.3.2. | Elezzjoni tal-membri reġjonali u reġjonali sostituti ġodda (ebda dokument) | | | |
| 10. | **Viżjoni Strateġika** tas-CITES wara l-2020 CoP18 Dok. 10 | | | SC | Appoġġa l-adozzjoni ta' Viżjoni Strateġika riveduta; is-Sek. għandu jqabbel l-għanijiet mad-deċiżjonijiet u r-riżoluzzjonijiet eżistenti; l-SC jingħata l-mandat biex jaħdem fuq l-indikaturi. | + |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| 11. | **Rieżami tal-Konvenzjoni** | CO, NA, ZW | Iqajjem xi kwistjonijiet rilevanti fir-rigward tal-mezzi tal-għajxien u r-rieżami tal-Appendiċi. Madankollu, il-proposta tidher preġudikata fil-forma u fl-ambitu attwali tagħha, kif ukoll mhix ippreparata biżżejjed, abbażi tad-deliberazzjonijiet storiċi mingħajr riflessjoni fil-fond dwar l-isfidi dejjem aktar kumplessi tal-kummerċ u l-konservazzjoni tal-fawna selvaġġa, kif ukoll minħabba l-konsegwenzi potenzjalment serji. Id-destinatarji tal-abbozzi tad-Deċiżjonijiet mhumiex speċifikati. Diskussjoni ulterjuri hija meħtieġa, kif ukoll fir-rigward tal-proposti l-oħra dwar komunitajiet rurali eċċ. (il-punti 17, 18) u fir-rigward tal-ħtiġijiet tar-riżorsi. | **(–)** |
| 12. | L-iżgurar ta' implimentazzjoni aħjar għall-**elenkar ta' speċijiet ta' ħut tal-baħar** fl-Appendiċi<br>CoP18 Dok. 12 | AG | Irrikonoxxi li għad hemm bżonn ta' appoġġ għal implimentazzjoni aktar effettiva għall-elenkar tal-ispeċijiet tal-baħar. Madankollu, ir-reviżjoni tal-effikaċja tal-elenkar preċedenti għandha tiffoka fuq każijiet partikolari, b'ġustifikazzjoni ċara, u għandha tagħmel użu mill-mekkaniżmi u r-rakkomandazzjonijiet eżistenti minn reviżjonijiet preċedenti aktar milli tistabbilixxi proċess ġdid ad-hoc. Opponi "embargo" fuq l-elenkar ġdid ta' kwalunkwe grupp ta' speċijiet; l-importanti huwa jekk il-kriterji għall-elenkar humiex sodisfatti. | – |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| 13. | Rieżami tar-Riżoluzzjoni Konf. 11.1 (Rev. CoP17) dwar it-***Twaqqif ta' kumitati*** CoP18.Dok. 13 | | SC/ Sek. | Appoġġa r-Riżoluzzjoni l-ġdida proposta; l-emendi ssuġġeriti mis-Segretarjat jeħtieġu aktar konsiderazzjoni. | **(+)** |
| 14. | **Kunflitti ta' interess** potenzjali fil-Kumitati tal-Annimali u tal-Pjanti CoP18 Dok. 14 | | SC | SC70 adotta formola standard ta' żvelar għal dikjarazzjonijiet ta' interess; appoġġ għat-tħassir tad-Deċiżjonijiet 16.09 u 16.10. | + |
| 15. | **Kooperazzjoni** mal-organizzazzjonijiet u ma' ftehimiet ambjentali multilaterali | | | | |
| | 15.1 | Kooperazzjoni ma' konvenzjonijiet oħra relatati mal-bijodiversità CoP18 Dok. 15.1 | SC | Appoġġa t-tiġdid tad-Deċiżjonijiet 17.55 u 17.56. Is-sinerġiji fost l-MEAs tal-bijodiversità għandhom ikomplu jissaħħu u huwa xieraq li l-SC għandu jirrevedi regolarment il-kwistjonijiet identifikati. | + |
| | 15.2 | Il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartika (***CCAMLR***) CoP18 Dok. 15.2 | Sek. | Appoġġa l-emendi għar-Riż. Konf. 12.4 proposta b'mod konġunt mis-Segretarjati tas-CITES u tas-CCAMLR. | + |
| | 15.3 | Strateġija Globali għall-***Konservazzjoni tal-Pjanti*** CoP18 Dok. 15.3 | SC | Appoġġa l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet ġodda biex jissostitwixxu d-Deċiżjonijiet 17.53 u 17.54. | + |
| | 15.4 | Il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (***IPBES***) CoP18 Dok. 15.4 | SC/Sek. | Appoġġa l-abbozz ta' riżoluzzjoni dwar *Kooperazjoni mal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi* fl-Anness 3 għad-dokument. | + |
| | 15.5 | Il-Konsorzju Internazzjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Kriminalità fil-Ħajja Selvaġġa (***ICCWC***) CoP18 Dok. 15.5 | Sek. | Appoġġa s-sejħa lill-Partijiet biex ikomplu jiffinanzjaw l-attivitajiet tal-ICCWC. | + |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| | 15.6 | Kooperazzjoni bejn ic-CITES u l-Konvenzjoni dwar ***il-Patrimonju Dinji***<br>CoP18 Dok. 15.6 | In-Norveġja | Appoġġa l-abbozz ta' Riżoluzzjoni (li titlob għall-iżvilupp ta' Memorandum ta' Ftehim bejn id-WHC u s-CITES) u l-abbozz tad-Deċiżjoni stabbilita fl-Annessi 1 u 2. | + |
| 16. | Il-programm tal-ispeċijiet tas-**siġar** tas-CITES | | | *Dokument għadu mhux disponibbli fil-1/3.* | |
| 17. | **Il-komunitajiet rurali** | | | *Ikkunsidra flimkien ma' proposti relatati skont il-Punt 18.* | |
| | 17.1 | Rapport tal-Kumitat Permanenti<br>CoP18 Dok. 17.1 | SC/Sek. | Miftuħa biex nikkunsidraw Proposta tas-Segretarjat li temenda r-Riż. Konf. 16.6 dwar il-*Mezzi tal-Għajxien*. Il-proposta biex jitħassru d-Deċiżjonijiet tal-CoP17 tista' tkun prematura; jista' jkun hemm il-bżonn ta' ħidma ulterjuri bejn il-varji sessjonijiet (b'mod konġunt flimkien mal-grupp ta' ħidma dwar l-Għajxien?). | **0** |
| | 17.2 | Emendi proposti għar-Riżoluzzjoni Konf. 4.6 (Rev. CoP17) [*Sottomissjoni ta' abbozzi ta' riżoluzzjonijiet*] u Riżoluzzjoni Konf. 9.24 (Rev. CoP17)<br>CoP18 Dok. 17.2 | NA, ZW | Emenda ssuġġerita għal Riż. 4.6 kif abbozzata tidher li mhux f'lokha, għax ir-riżoluzzjoni hija minflok iffokata fuq formalitajiet u proċeduri għas-sottomissjoni tal-proposti.<br>Kwalunkwe emenda għar-Riż. 9.24 għandha tal-inqas tiċċara l-iskop ġeografiku tal-konsultazzjonijiet mal-komunitajiet rurali, jiġifieri kull Parti fit-territorju tagħha stess; jeħtieġu aktar diskussjoni.<br>*Ikkunsidrati flimkien mad-Dok. 18.3.* | **(–)** |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| | 17.3 | Mekkaniżmu parteċipattiv għall-komunitajiet rurali | BW, CO, NA, ZW | Opponi t-twaqqif ta' Kumitat għall-Komunitajiet Rurali permanenti; ikkunsidra modi alternattivi kif il-vuċi tal-komunitajiet rurali tinstema'. | – |
| 18. | CITES u mezzi ta' **għajxien** | | | *Ikkunsidra flimkien ma' proposti relatati skont il-Punt 17.* | |
| | 18.1 | Rapport tas-Segretarjat CoP18 Dok. 18.1 | Sek. | Appoġġa t-twaqqif mill-ġdid tal-grupp ta' ħidma, żvilupp ta' gwida permezz ta' konsulenza, għall-konsiderazzjoni mill-CoP19. | + |
| | 18.2 | Proposta mill-Perù CoP18 Dok. 18.2 | PE | Miftuħa għall-kontinwazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma iżda niddubitaw miż-żieda proposta ta' xogħol fuq sistema ta' ċertifikazzjoni possibbli għal "prodotti ta' speċijiet elenkati fis-CITES prodotti minn komunitajiet rurali konsistenti mad-dispożizzjonijiet tas-CITES" mat-ToR tiegħu.<br>B'mod ġenerali miftuħa wkoll għat-twaqqif ta' "Jum Internazzjonali għall-Mezzi ta' Għajxien tal-Komunitajiet Rurali" iżda r-Riżoluzzjoni speċifika tista' ma tkunx meħtieġa għal dak il-għan; jikkunsidraw ukoll l-implikazzjonijiet dwar ir-riżorsi. | **0** |
| | 18.3 | Emendi proposti għar-Riżoluzzjoni Konf. 9.24 (Rev. CoP17)<br>CoP18 Dok. 18.3 | CN | Tista' tkun ikkunsidrata proposta għall-inklużjoni ta' xi tip ta' "Analiżi tal-Għajxien" fid-dikjarazzjoni ta' sostenn għall-elenkar tal-proposti (Riż. Konf. 9.24, Anness 6) iżda ma tidhirx li hi adatta għal deċiżjoni fil-CoP18; it-test propost mhux kollu ċar.<br>*Ikkunsidra flimkien mad-Dok. 17.2.* | **(0)** |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| 19. | Is-**sigurtà tal-ikel** u l-mezzi tal-għajxien<br>CoP18 Dok. 19 | | SC | Opponi t-tiġdid tad-deċiżjonijiet, minħabba li l-WG ma mexiex ’il quddiem u kwistjonijiet simili ħafna huma indirizzati taħt “Il-komunitajiet rurali” u “l-Mezzi tal-Għajxien”; appoġġa l-kummenti tas-Segretarjat. | – |
| 20. | Strateġiji ta’ **tnaqqis fid-domanda** għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali fl-ispeċijiet elenkati fis-CITES<br>CoP18 Dok. 20 | | SC | Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi tad-Deċiżjonijiet fl-Anness 1 u aqbel mat-tħassir tad-Deċiżjonijiet 17.44 sa 17.48. | + |
| 21. | **Tisħiħ tal-Kapaċitajiet** u identifikazzjoni tal-materjali | | | | |
| | 21.1 | Tisħiħ tal-Kapaċitajiet u identifikazzjoni tal-materjali<br>CoP18 Dok. 21.1 | AC/PC | Appoġġa l-abbozzi ta’ Deċiżjonijiet biex jiġi stabbilit grupp ta’ ħidma AC/PC konġunt dwar materjali ta’ identifikazzjoni; kif ukoll appoġġa l-proposta biex jitħassru d-Deċiżjonijiet skont punt 54.1. | + |
| | 21.2 | Attivitajiet ta’ tisħiħ tal-kapaċitajiet kif speċifikati fir-Riżoluzzjonijiet u d-Deċiżjonijiet<br>CoP18 Dok. 21.2 | SC | Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi tad-Deċiżjonijiet (reviżjoni, titjib tas-sit web tas-CITES, korsijiet onlajn permezz tal-Kulleġġ Virtwali) flimkien mas-Sek. li ppropona bidliet. *Ikkunsidra flimkien ma’ 21.3, 28, 29.* | + |
| | 21.3 | Qafas biex jiffaċilita l-koordinazzjoni, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-isforzi tas-CITES għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet<br>CoP18 Dok. 21.3 | US | Inizjattiva siewja iżda l-adozzjoni tal-abbozz tar-Riżoluzzjoni u l-qafas waqt il-CoP18 tidher prematura. Appoġġa l-integrazzjoni tal-elementi relevanti fi 21.2 minflok, kif propost mis-Sek., għall-konsiderazzjoni mill-SC u mill-CoP19. *Ikkunsidra flimkien mad-dok. 21.2, 28.* | **(+)** |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| 22. | **Jum Dinji tal-Ispeċijiet Selvaġġi** tan-Nazzjonijiet Uniti | | Appoġġa l-abbozzi ta' emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 17.1 bi stedina lill-Partijiet u lill-Istati li mhumiex partijiet biex jaħtru punt fokali wieħed għall-koordinazzjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji tal-Ispeċijiet Selvaġġi fil-pajjiż. | + |
| 23. | L-involviment taż-**żgħażagħ**<br>CoP18 Dok. 23 | SC | Appoġġa r-reviżjonijiet issuġġeriti għar-Riżoluzzjoni Konf. 17.5 dwar l-involviment taż-żgħażagħ (Anness 1) u tħassir tad-Deċiżjonijiet 17.26 u 17.27. | + |
| **Kwistjonijiet ta' interpretazzjoni u implimentazzjoni** | | | | |
| Riżoluzzjonijiet u Deċiżjonijiet Eżistenti | | | | |
| 24. | Rieżami tar-**Riżoluzzjonijiet**<br>CoP18 Dok. 24 | Sek. | Appoġġa b'mod generali l-emendi għar-Riżoluzzjonijiet Konf. 4.6, *Sottomissjoni ta' dokumenti* (inkluż dwar deċiżjoni ta' finanzjament ċentralizzat); ir-rieżami jissuġġerixxi l-inkorporazzjoni ta' Deċ 14.19. Appoġġa l-emendi għar-Riżoluzzjonijiet 12.8 *Rieżami tal-Kummerċ ta' Livell Sinifikanti* (skont SC70) u 14.3, *Proċeduri ta' konformità* (inkl. Riż. 10.10). | **(+)** |
| 25. | Rieżami tad-**Deċiżjonijiet** | | *Dokument għadu mhux disponibbli fil-1/3.* | |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| Konformità u infurzar ġenerali | | | | |
| 26. | **Liġijiet nazzjonali** għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni | Sek. | Appoġġa s-sett ta' Deċiżjonijiet iżda itlob aktar ċarezza dwar l-iskedi taż-żmien, u ikkunsidra l-proposta ta' miżuri addizzjonali, għall-Partijiet b'leġiżlazzjoni fil-kategoriji 2 jew 3 biex jissottomettu lis-Segretarjat dettalji dwar il-miżuri għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni. | **(+)** |
| 27. | Kwistjonijiet ta' **konformità** tas-CITES | Sek. | Appoġġa l-emendi proposti għar-Riż. Konf 11.3 (Rev. CoP17) u l-adozzjoni ta' abbozzi ta' Deċiżjonijiet bil-għan li tirrevedi l-politika dwar il-permessi tas-CITES u kwistjonijiet relatati mal-konformità. | + |
| 28. | **Programm ta' Assistenza** dwar il-Konformità | Sek. | Appoġġa b'mod generali s-sett ta' Deċiżjonijiet bil-għan li jistabbilixxu Programm ta' Assistenza dwar il-Konformità bil-ħsieb li jassistu lill-Partijiet b'diffikultajiet li ilhom jeżistu biex jiksbu konformità mal-Konvenzjoni u rakkomandazzjonijiet relatati tal-Kumitat Permanenti. Madanakollu ikkontesta l-implikazzjonijiet tal-baġit relatati mal-ħolqien tal-Programm. *Ikkunsidra flimkien mad-Dok. 21 u mad-dokumenti tal-baġit.* | **(+)** |
| 29. | Rieżami tal-Kummerċ ta' Livell Sinifikanti **fil-pajjiżi kollha** CoP18 Dok. 29 | AC/PC | Appoġġa l-mandat tas-Sek. biex janalizzah u l-Kumitati biex jikkunsidraw l-għażliet u jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-CoP19. | + |
| 30. | Konformità fir-rigward tal-ebanu tal-**Malagasy** (*Diospyros* spp.) u palisanders u rosewoods (*Dalbergia* spp.) | | | |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| | 30.1 | Rapport ta' Madagascar | | Ħu nota.<br>*Ikkunsidra flimkien mad-Dok. 30.2.* | |
| | 30.2 | Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP18 Dok. 30.2 | SC | Appoġġa l-ħtieġa li d-diskussjonijiet kollha ma jiġux iffukati fuq il-pjan ta' użu propost minn Madagascar, iżda jibqgħu viġilanti. Itlob enfasi qawwija fuq il-ħtieġa għal sforzi ta' infurzar aktar b'saħħithom biex jiġu ttrattati l-illogjar illegali u ż-żarmar tan-netwerks tat-traffikar. Ippproponi li l-abbozz tad-deċiżjoni 18.BB ikun emendat biex iqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-UNODC tal-2017 dwar il-kwistjoni, u jiddaħħal il-kliem ta' prekawzjoni biex jiżgura li kwalunkwe pjan dwar użu futur ikun sigur biżżejjed. | **(+)** |
| 31. | **Swieq domestiċi** għall-eżemplari kkummerċjalizzati illegalment b'mod regolari CoP18 Dok. 31 | | | Appoġġa l-emenda proposta għar-Riżoluzzjoni. Konf 10.10 (Rev. CoP17) u l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet riveduti 17.87-17.88, inkluż dwar kontrolli domestiċi tal-prodotti tal-fawna selvaġġa għajr l-avorju tal-iljunfanti. | + |
| 32. | Kwistjonijiet ta' **infurzar** CoP18 Dok. 32 | | | Appoġġa l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet proposti u proposta għall-emenda għar-Riżoluzzjoni Konf 11.3 (Rev.COP17). Qbil għat-tħassir tad-Deċiżjonijiet 17.83 u 17.85. | + |
| 33. | Ġlieda kontra ċ-**ċiberkriminalità** tal-fawna selvaġġa | | | | |
| | 33.1 | Rapport tas-Segretarjat CoP18 Dok. 33.1 | | Appoġġa l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet proposti. | + |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| | 33.2 | Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP18 Dok. 33.2 | | Appoġġa l-emendi proposti għar-Riżoluzzjoni Konf 11.3 (Rev. COP17) u l-adozzjoni tal-abbozzi tad-Deċiżjonijiet kif modifikati mis-Segretarjat. Qbil għat-tħassir tad-Deċiżjonijiet 17.94 u 17.96. | + |
| 34. | Appoġġ għall-infurzar kontra l-kriminalità fuq il-fawna selvaġġa fl-**Afrika tal-Punent u l-Afrika Ċentrali** | | | *Dokument għadu mhux disponibbli fil-1/3.* | |
| 35. | Rimi ta' **eżemplari kkonfiskati** CoP18 Dok. 35 | | SC | Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 17.118 u 17.119 u l-adozzjoni tal-abbozzi tad-Deċiżjonijiet proposti. Opponi kwalunkwe żieda li tikkomprommetti informazzjoni sensittiva dwar ċentri ta' salvataġġ, jew li tirriżulta f'obbligi addizzjonali għall-Partijiet. Opponi wkoll il-ħidma mill-ġdid tal-grupp ta' ħidma tal-SC. | + |
| 36. | Il-ħażna u l-immaniġġjar ta' ***data*** **dwar il-kummerċ illegali** miġbura permezz tar-rapporti annwali tal-Partijiet dwar il-kummerċ illegali CoP18 Dok. 36 | | SC | Appoġġa b'mod ġenerali l-prinċipju ta' ħażna u ġestjoni aktar sistematiċi ta' *data* dwar kummerċ illegali miġbura permezz ta' rapporti annwali dwar il-kummerċ illegali. Ikkondividi t-tħassib tas-Segretarjat dwar il-valur miżjud limitat ta' bażi ta' *data* bħal din jekk il-finanzjament fit-tul mhuwiex garantit u jekk numru limitat biss ta' Partijiet fil-fatt jirrappurtaw u jipprovdu *data*. Ikkunsidra proposta dwar il-lingwa biex iħeġġu lill-Partijiet jissottomettu b'mod aktar sistematiku r-rapporti annwali dwar il-kummerċ illegali. *Ikkunsidra flimkien mad-dokumenti dwar il-bagit.* | **(+)** |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| 37. | Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-**gwardjani** tal-fawna selvaġġa u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-implimentazzjoni tas-CITES CoP18 Dok. 37 | NP | Ilqa' r-rapport u irrikonoxxi l-importanza tal-kwistjoni. | |
| Regolament dwar il-kummerċ | | | | |
| 38. | Ħatra u rwoli tal-**Awtoritajiet Maniġerjali** CoP18 Dok. 38 | Sek. | Appoġġa b'mod ġenerali r-Riżoluzzjoni proposta. Skrutinju aktar mill-qrib ta' xi aspetti tat-test huwa meħtieġ. | **(+)** |
| 39. | Gwida biex isiru **sejbiet ta' akkwist legali** CoP18 Dok. 39 | SC | Appoġġa l-abbozz tar-riżoluzzjoni *Ikkunsidra flimkien mad-Dok. 40.* | + |
| 40. | **Diliġenza dovuta** mill-Partijiet tas-CITES u l-obbligi tal-pajjiżi importaturi | US | Appoġġa b'mod ġenerali l-ħsieb u l-approċċ. Skrutinju aktar mill-qrib ta' xi aspetti tal-emendi proposti għar-Riż. Konf 11.3 huwa meħtieġ. | **(+)** |
| 41. | **Sistemi elettroniċi** u teknoloġiji tal-informazzjoni CoP18 Dok. 41 | SC | Appoġġa l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet proposti, li jissostitwixxu d-Deċiżjonijiet 17.156 sa 17.159 biex jivvalutaw l-utilità u l-fattibilità ta' *Qafas ta' Implimentazzjoni tal-eCITES* u jġeddu l-mandat tal-grupp ta' ħidma. | + |
| 42. | **Traċċabbiltà** CoP18 Dok. 42 | Sek., President tal-SC, MX u CH bħala Presidenti tal-grupp ta' ħidma intersessjonali dwar it-traċċabbiltà | Aqbel mad-definizzjoni operattiva tat-traċċabbiltà tas-CITES u appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi tad-deċiżjonijiet fl-Anness 1, inkluż l-emendi proposti mis-Segretarjat. | + |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| 43. | Kampjuni prodotti minn **DNA sintetiku jew ikkultivat** CoP18 Doc. 43 | | SC | Appoġġa l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet kif emendati mis-Sek. u li jissostitwixxu d-Deċiżjonijiet 17.89-17.91, biex ikomplu jivvalutaw l-implikazzjonijiet ta' kampjuni prodotti permezz tal-bijoteknoloġija li jista' jkollhom impatt fuq l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Uħud mid-Deċiżjonijiet jistgħu jeħtieġu rfinar għal kjarifika. | **(+)** |
| 44. | Definizzjoni tat-terminu "**destinazzjonijiet xierqa u aċċettabbli**" | | | | |
| | 44.1 | Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP18 Dok. 44.1 | SC | Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet u l-abbozzi tad-deċiżjonijiet relatati mad-definizzjoni tat-terminu "destinazzjonijiet xierqa u aċċettabbli". Madankollu, xi bidliet fit-test jistgħu jkunu meħtieġa biex tiġi evitata interpretazzjoni ħażina. | **(+)** |
| | 44.2 | Kummerċ internazzjonali ta' iljunfanti Afrikani<br>ħajjin: Reviżjoni proposta tar-Riżoluzzjoni Conf. 11.20 (Rev. CoP17) dwar *Definizzjoni tat-terminu "destinazzjonijiet xierqa u aċċettabbli"*<br>CoP18 Dok. 44.2 | BF, JO, LB, LR, NE, NG, SD, SY | Id-dokument jipproponi emendi għar-Riż. Conf. 11.20 b'tali mod li iljunfanti Afrikani ħajjin jiġu trasportati biss għal programmi ta' konservazzjoni in-situ fil-firxa naturali tagħhom, u b'hekk jiġi eskluż kwalunkwe kummerċ ta' iljunfanti Afrikani maqbuda fis-selvaġġ għal destinazzjonijiet għall-iskop ta' użu ristrett ex-situ, anke fejn dan ikun ta' benefiċċju għal skopijiet ta' konservazzjoni. Ikkunsidra wkoll fir-rigward tar-reġim attwali ta' eżemplari elenkati fl-App. I. | **(–)** |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| 45. | Sejbiet **mhux ta' detriment**<br>CoP18 Dok. 45 | AC | Appoġġa l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet proposti bil-għan li jindirizzaw lakuni u l-bżonnijiet tal-Partijiet biex jagħmlu sejbiet mhux ta' detriment, u appoġġa l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni Konf. 16.7 (Rev. CoP17). Appoġġa t-tieni workshop internazzjonali dwar l-NDFs. | + |
| 46. | Kwoti għal trofej tal-**kaċċa għall-leopard** | | *L-ebda dokument ma kien disponibbli fit-13/2.* | |
| 47. | Titjib tal-kwoti għal trofej tal-**kaċċa għall-markhor**<br>CoP18 Dok. 47 | PK | Appoġġa ż-żieda tal-kwota għat-trofej tal-kaċċa għall-markhor fil-Pakistan minn 12 għal 20 annimal kull sena, jekk il-Pakistan jipprovdi aktar informazzjoni dwar liema komunitajiet / żoni ġodda se jissieħbu fil-programm għat-trofej tal-kaċċa ibbażat fil-komunità. *Ikkunsidra flimkien mal-proposta għall-elenkar nru 1.* | **(+)** |
| 48. | Trofej tal-**kaċċa tar-rinoċeronti** iswed: Kwota ta' esportazzjoni għall-Afrika t'Isfel | ZA | Żieda proposta tal-kwota mill-kwota ta' bħalissa ta' ħames rinoċeronti suwed maskili adulti għal mass. ta' 0.5 % tal-popolazzjoni totali tal-pajjiż tidher raġonevoli, jekk tradotta f'pubblikazzjoni annwali mill-Afrika t'Isfel ta' kwota speċifika (numru assolut ta' kampjuni). | **(+)** |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| 49. | Implikazzjonijiet tat-trasferiment ta' speċi għall-**Appendiċi I** | | | | |
| | 49.1 | Rapport tas-Segretarjat<br>CoP18 Dok. 49.1 | Sek. | Appoġġa emendi għar-Riż. Konf. 12.3, biex jiġi ċċarat li wara li jsir elenkar 'il fuq ta' speċi, ir-regoli applikabbli huma dawk validi fil-ħin tal-kummerċ (mhux il-ħsad), kif ukoll għar-Riż. Konf. 13.6. Analizza f'aktar dettall il-proposta biex tinkludi paragrafu ġdid (11) fir-Riż. Konf. 12.3 u l-abbozz tad-Deċiżjoni għall-SC biex jikkunsidra l-ħtieġa ta' gwida matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, inkluż bejn id-deċiżjoni għall-elenkar u d-dħul fis-seħħ, u biex l-SC jeżamina kundizzjonijiet speċjali għal pjanta annotata inkluż l-ispeċi tal-injam. | **(+)** |
| | 49.2 | Kummerċ fl-eżemplari tal-"Appendiċi I ta' qabel"<br>CoP18 Dok. 49.2 | CI, NG, SN | Integra fl-emendi proposti fid-dok. 49.1. | **(+)** |
| 50. | Emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 10.13 (Rev. CoP15) dwar l-***Implimentazzjoni*** *tal-Konvenzjoni għall-ispeċijiet tal-****injam***<br>CoP18 Dok. 50 | | SC | Appoġġa iżda ippproponi li jinkludu referenza għall-ħtieġa li l-NDFs ikunu bbażati fuq fatturi ta' konverżjoni adegwati, u emendi oħra minuri. | **(+)** |
| 51. | **Ħażniet u akkumulazzjoni ta' ħażniet**<br>CoP18 Dok. 51 | | SC | Appoġġa l-kontinwazzjoni tax-xogħol intersessjonali b'mandat definit b'mod aktar ċar, eskluż l-immaniġġjar tal-ħażniet. | + |
| 52. | **Introduzzjoni mill-baħar**<br>CoP18 Dok. 52 | | SC | Appoġġa l-mandat imġedded għas-Sek. biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tar-Riż. Konf. 14.6 u jirrapporta dwar in-negozjati tal-BBNJ; l-SC għandu jirrevedi l-informazzjoni. | + |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| 53. | **Kodiċijiet tal-iskopijiet** fuq il-permessi u ċ-ċertifikati tas-CITES<br>CoP18 Dok. 53 | | SC | Appoġġa b'mod tentattiv l-abbozzi ta' emendi għad-Deċiżjoni 14.54 u għar-Riż. Konf. 12.3 (Rev. CoP17) dwar *Permessi u ċertifikati*; ivverifika iktar minn darba fid-dawl tal-kummenti tas-Sek. li ġejjin. Stħarreġ il-ħtieġa għal grupp ta' ħidma intersessjonali ġdid. | **(+)** |
| 54. | **Identifikazzjoni** ta' eżemplari fil-kummerċ | | | | |
| | 54.1 | **Manwal** għall-Identifikazzjoni<br>CoP18 Dok. 54.1 | AC, PC, Sek. | Appoġġah. *Ikkunsidra flimkien ma' 21.1.* | + |
| | 54.2 | Identifikazzjoni ta' speċijiet ta' ***siġar*** elenkati fis-CITES<br>CoP18 Dok. 54.2 | PC | Appoġġa s-sett ġdid ta' Deċiżjonijiet u t-tħassir ta' deċiżjonijiet preċedenti. | + |
| | 54.3 | Identifikazzjoni tal-***isturjun*** u l-eżemplari tal-ħut spatula fil-kummerċ<br>CoP18 Dok. 54.3 | | Appoġġa t-tiġdid tad-Deċiżjonijiet. Ikkunsidra jekk xi Stat Membru tal-UE jistax jimpenja ruħu li jiffinanzja l-istudju li ilu li kellu jsir. | + |
| 55. | Implimentazzjoni tas-CITES għall-kummerċ fi speċijiet ta' **pjanti mediċinali** | | | *Dokument għadu mhux disponibbli fl-1/3.* | |
| Eżenzjonijiet u dispożizzjonijiet speċjali dwar il-kummerċ | | | | | |
| 56. | **Proċedura ssimplifikata** għall-permessi u ċ-ċertifikati<br>CoP18 Dok. 56 | | SC | B'mod ġenerali appoġġa l-emendi proposti għar-Riżoluzzjoni Konf. 11.15 (Rev. CoP12), ir-Riżoluzzjoni Konf. 12.3 (Rev. CoP17) u l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet diretti lis-Segretarjat; qis l-osservazzjonijiet tas-Segretarjat u ikkunsidra l-ħtieġa għal aktar emendi. | **(+)** |
| 57. | Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni marbuta mal-eżemplari **mwielda** u mrobbija **fil-magħluq**<br>CoP18 Dok. 57 | | SC | Appoġġa l-abbozzi tas-Deċiżjonijiet kif issuġġerit mill-Kumitat Permanenti u emendat mis-Segretarjat. | + |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| 58. | L-Implimentazzjoni tar-**Riżoluzzjoni Konf**. 17.7 dwar *Rieżami tal-kummerċ fl-eżemplari tal-annimali rrapportati bħala prodotti fil-magħluq*<br>CoP18 Dok. 58 | | SC | Appoġġa l-abbozzi tas-Deċiżjonijiet kif issuġġerit mill-Kumitat Permanenti u approvat mis-Segretarjat. *Ikkunsidra flimkien mad-dokumenti dwar il-baġit.* | + |
| 59. | Definizzjoni tat-terminu "**propagat b'mod artifiċjali**" | | | | |
| | 59.1 | ***Gwida*** dwar it-terminu "propagat b'mod artifiċjali"<br>CoP18 Dok. 59.1 | PC | Appoġġa l-abbozz tad-deċiżjoni. Miftuħa għall-emendi proposti mis-Segretarjat. Issuġġerixxi li l-pubblikazzjoni tal-gwida għandha sseħħ biss wara r-reviżjoni tagħha mill-PC. | **(+)** |
| | 59.2 | ***Kodiċi tas-sors*** għall-eżemplari tal-pjanti fil-kummerċ<br>CoP18 Dok. 59.2 | SC | Appoġġa l-ħolqien tal-kodiċi tas-sors Y permezz ta' emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 11.11 (Rev. CoP17) u r-Riżoluzzjoni Konf. 12.3 (Rev. CoP17), kif ukoll l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet. Emendi addizzjonali proposti mis-Segretarjat jeħtieġu madankollu iktar skrutinju sabiex ma jimminawx il-proposta inizjali tal-SC (b'mod partikolari rigward l-injam ta' agar u l-ħtieġa għal NDFs). | **(+)** |
| **Kwistjonijiet speċifiċi skont l-ispeċijiet** | | | | | |
| 60. | Kummerċ illegali fiċ-**ċiti** (*Acinonyx jubatus*)<br>CoP18 Dok. 60 | | Sek. | Appoġġa l-abbozz tad-Deċiżjoni li jsejjaħ lis-Segretarjat biex jagħmel disponibbli l-verżjoni finali tal-kit tar-riżorsi tal-kummerċ fiċ-ċita tas-CITES, u soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi. Aqbel dwar it-tħassir tad-deċiżjonijiet 17.124 sa 17.130. | + |
| 61. | **Sturjuni** u ħut spatula (Acipenseriformes spp.) | | Sek. | Appoġġa l-mandat imġedded għall-SC biex jeżamina t-tikkettar tal-kavjar. Ikkunsidra jekk hemmx bżonn ta' gwida aktar ċara dwar il-fokus u l-ambitu biex isir progress. | **(+)** |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| 62. | Abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar il-konservazzjoni tal-**amfibji** (Amphibia) | CR | Firxa wiesgħa ta' abbozzi ta' Deċiżjonijiet indirizzati lill-Partijiet, lill-Kumitati u lis-Segretarjat, proposti mingħajr dikjarazzjoni ta' sostenn jew kunsiderazzjoni minn qabel mill-AC, SC. L-informazzjoni meħtieġa mhijiex speċifika għall-amfibji iżda tapplika għat-taxa kollha elenkati fis-CITES. Proposta aktar iffokata b'azzjonijiet konkreti tista' tiġi kkunsidrata b'mod favorevoli. | **0** |
| 63. | **Salluri** (*Anguilla* spp.)<br>CoP18 Dok. 63 | AC, SC, Sek. | Appoġġa l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet. | + |
| 64. | **Koralli** prezzjużi (l-ordni Antipatharia u l-familja tal-Coralliidae) | SC | Appoġġa l-abbozz tad-deċiżjoni li tagħti mandat lill-AC u lill-SC biex janalizzaw u jaslu għal konklużjonijiet mill-istħarriġ dwar il-koralli prezzjużi u mill-istudju tal-FAO. | + |
| 65. | Implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni Konf 16.10 dwar l-*Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni għal injam tal-agar li tipproduċi l-injam tat-taxa* [*Aquilaria* spp. u *Gyrinops* spp.] CoP18 Dok. 65 | PC | Appoġġa l-adozzjoni ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar taxa li tipproduċi l-injam tal-agar u t-tħassir ta' deċiżjonijiet preċedenti. | + |
| 66. | Kummerċ fil-***Boswellia*** spp. (Burseraceae)<br>CoP18 Dok. 66 | LK, US | Appoġġa s-sett ta' abbozzi tad-deċiżjonijiet. | + |
| 67. | **Tirda tal-gundalla** (*Cheilinus undulatus*)<br>CoP18 Dok. 67 | SC | Aqbel mal-abbozz tad-Deċiżjoni bil-għan li tipprovdi għajnuna lill-pajjiżi esportaturi u importaturi ewlenin biex tindirizza l-isfidi ta' implimentazzjoni li fadal. | + |
| 68. | **Klieb il-baħar** u raj (Elasmobranchii spp.) | | | |
| | 68.1 Rapport tal-Kumitat tal-Annimali | AC | Ħu nota tar-rapport. | |
| | 68.2 Rapport tas-Segretarjat | | *Dokument mhux disponibbli fil-1/3.* | |
| 69. | **Iljunfanti** (Elephantidae spp.) | | | |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| | 69.1 | ***Implimentazzjoni*** tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP 17) dwar il-kummerċ f'eżemplari tal-iljunfanti | Sek./ SC | Ħażniet u akkumulazzjoni ta' ħażniet: appoġġa d-Deċiżjoni biex l-SC jirrevedi l-gwida ppreparata mis-Seg. | + |
| | | | | IljunfantAżjatiku: miftuħa għall-appoġġ tat-tiġdid tad-Deċiżjonijiet iżda għandu jkun hemm aċċettazzjoni akbar mill-istati ta' firxa biex dan ikun effettiv. | **(+)** |
| | | | | NIAPs: appoġġa r-reviżjonijiet proposti għar-Riż. Konf. 10.10, para. 26 g) u l-Anness III (linji gwida dwar il-proċess NIAP) u għar-Riż. Konf. 14.3 dwar il-*Konformità* (→ dok. 24); ikkunsidra t-talba tas-Sek. għall-ħolqien ta' kariga ġdida (→ baġit). | + |
| | | | | Rieżami tal-ETIS: appoġġa t-ToR kif maqbul fl-SC70. | + |
| | | | | MIKE, sostenibbiltà finanzjarja u operattiva tal-ETIS: appoġġa l-abbozz tad-Deċiżjoni għas-Sek. biex jiżviluppa proposta (tqum: 30K USD), l-SC għandu jwettaq rieżami. | + |
| | | | | Swieq domestiċi tal-avorju: Appoġġa l-emenda proposta għar-Riż. Konf 10.10 kif ippreżentata fid-dok. 31. | + |
| | 69.2 | Rapport dwar il-Monitoraġġ tal-Qtil Illegali tal-Iljunfanti (***MIKE***) CoP18 Dok 69.2 | Sek. | Ħu nota tar-rapport. | |
| | 69.3 | Rapport dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Kummerċ fl-Iljunfanti (***ETIS***) CoP18 Dok. 69.3 | Sek. | Ħu nota tar-rapport; ikkunsidra l-implikazzjonijiet tal-proċess dwar in-NIAP (pajjiżi speċifiċi identifikati mill-ETIS li bħalissa mhumiex taħt l-NIAP). | |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| | 69.4 | ***Ħażniet*** tal-avorju: reviżjoni proposta tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP17) dwar il-*Kummerċ f'eżemplari tal-iljunfanti*<br>CoP18 Dok. 69.4 | BF, TD, CI, GA, JO, KE, LR, NE, NG, SD, SY | Irrikonoxxi l-importanza li l-gwida tiġi ffinalizzata imma kkontesta l-fattibbiltà u l-idoneità ta' grupp ta' ħidma fis-sessjoni għal dak l-iskop. Ikkunsidra s-suġġerimenti alternattivi tas-Segretarjat. | **(–)** |
| | 69.5 | Aspetti dwar l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP17) dwar l-għeluq tas-***swieq domestiċi tal-avorju*** | BF, CI, ET, GA, KE, LR, NE, NG, SY | Ikkontesta l-konklużjonijiet dwar is-suq tal-avorju tal-UE (para. 28); enfasizza l-isforzi kontinwi tal-UE. Opponi l-bidliet proposti għar-Riż. Konf. 10.10 u għall-abbozzi tad-Deċiżjonijiet assoċjati bħala sproporzjonati u parzjalment mhux ċari. | – |
| 70. | Il-fekruna tal-baħar bil-xqur (*Eretmochelys imbricata*) u **fkieren tal-baħar** oħrajn (*Cheloniidae* u *Dermochelyidae*) | | Sek. | Appoġġa li titkompla l-ħidma permezz ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet proposti mis-Segretarjat u biex jiġi stabbilit grupp ta' ħidma intersessjonali dwar il-fkieren tal-baħar. | + |
| 71. | **Qtates kbar Ażjatiċi** (*Felidae* spp.) | | | | |
| | 71.1 | Rapport tal-Kumitat Permanenti | SC | *Dokument għadu mhux disponibbli fl-1/3.* | |
| | 71.2 | Abbozz ta' deċiżjonijiet dwar qtates kbar Ażjatiċi CoP18 Dok. 71.2 | IN | Appoġġa b'mod ġenerali l-isforzi biex jiġi mmonitorjat u ġestit aħjar il-kummerċ fil-qtates kbar Ażjatiċi. Madankollu, id-dokument għandu jiġi kkunsidrat ladarba r-rapport tal-Kumitat Permanenti jkun disponibbli, biex jiġu evitati sovrapożizzjonijiet jew inkonsistenzi. Qabel l-adozzjoni, l-abbozz tad-Deċiżjoni ssuġġerit ikun jeħtieġ aktar analiżi u emendi sostanzjali. Ir-rabta għal Riż. Konf. 12.5 (Rev. 17) għandha wkoll tkun ikkunsidrata. | **0** |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| 72. | **Żwiemel tal-baħar** (*Hippocampus* spp.) fis-CITES – pjan direzzjonali għas-suċċess | MV, MC, LK, US | Appoġġa s-sett ta' Deċiżjonijiet biex tinbeda diskussjoni dwar il-ġestjoni u l-użu sostenibbli tal-ibħra fil-Kumitati tal-Annimali u fil-Kumitat Permanenti. | + |
| 73. | Ix-**xadini** l-kbar (*Hominidae* spp.)<br>CoP18 Dok. 73 | SC, Sek. | Appoġġaw emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 13.4 (Rev. CoP16) dwar il-Konservazzjoni ta' u l-kummerċ f'xadini kbar kif propost mis-Segretarjat, kif ukoll it-tħassir tad-Deċiżjonijiet 17.232 u 17.233. Il-proposta hija bbażata fuq ir-rapport dwar l-istatus ta' xadini kbar u l-impatt relattiv tal-kummerċ illegali u pressjonijiet oħra fuq l-istatus tagħhom, li tħejjiet b'kollaborazzjoni bejn is-Segretarjat, l-IUCN, il-GRASP u msieħba oħra, u ġiet ikkunsidrata mill-AC30 u l-SC70. Xi bidliet editorjali jistgħu jkunu mixtieqa. | + |
| 74. | Speċijiet tal-injam tar-**rosewood** [*Leguminosae* (*Fabaceae*)]<br>CoP18 Dok. 74 | PC | Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi tad-deċiżjonijiet. | + |
| 75. | **Pangolini** (*Manis spp.*)<br>CoP18 Dok. 75 | Sek., biż-żieda tal-proposta tal-SC | Appoġġa s-sett ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet kif irrakkomandat mill-Kumitat Permanenti (SC69), bl-emendi ssuġġeriti mis-Segretarjat, u appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 17.239 - 17.240. | + |
| 76. | L-**iljun** tal-Afrika (*Panthera leo*) | | | |
| | 76.1 Rapport tas-Segretarjat | | *Dokument għadu mhux disponibbli fl-1/3.* | |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| | 76.2 | Il-konservazzjoni tal-iljuni tal-Afrika u l-kummerċ tagħhom | NG, TG | Appoġġa b'mod ġenerali aktar miżuri biex ikun ikkontrollat il-kummerċ internazzjonali f'partijiet tal-iljun u derivattivi, għalkemm xi elementi tal-abbozz tar-Riżoluzzjoni jista' jkollhom bżonn tibdil fit-test b'mod sostantiv. Id-dokument jeħtieġ li jiġi kkunsidrat flimkien mad-dokument 76.1 u dok. 96 (it-tnejn li huma għadhom mhumiex disponibbli). | **0** |
| 77. | **Ġagwar** (*Panthera onca*) | | | | |
| | 77.1 | Il-kummerċ fil-ġagwari | CR, MX | Appoġġa b'mod ġenerali s-sett ta' abbozzi ta' Deċiżjonijiet li jsejħu għal studju dwar il-kummerċ illegali fil-ġagwari; jista' jkun xieraq xi editjar, u jistgħu jiżdiedu xi elementi mid-dokument 77.2. | **(+)** |
| | 77.2 | Kummerċ illegali fil-ġagwari<br>CoP18 Dok. 77.2 | PE | Appoġġa b'mod ġenerali l-protezzjoni mtejba tal-ġagwari. Madankollu, uħud mill-elementi proposti jistgħu jkunu aktar xierqa fil-forma ta' Deċiżjonijiet, aktar milli Riżoluzzjoni. Għandu jiġi kkunsidrat jekk il-proposta jew il-partijiet tagħha għandhomx jingħaqdu ma' dik tal-Kosta Rika (77.1) f'sett wieħed ta' deċiżjonijiet. | **0** |
| 78. | Kummerċ illegali fl-antilop Tibetan (*Pantholops hodgsonii*)<br>CoP18 Dok. 78 | | SC | Appoġġa l-abbozz tar-rakkomandazzjoni u l-proposta mis-Segretarjat biex jiġi emendat il-paragrafu 2b) tar-Riżoluzzjoni Konf. 11.8 (Rev. CoP17). | + |
| 79. | Il-ġestjoni tal-kummerċ u l-konservazzjoni tal-**għasafar tal-għana** (Passeriformes) | | US, LK | B'mod ġenerali appoġġa l-proposta għall-AC biex jikkunsidra l-implikazzjonijiet tal-konservazzjoni għall-kummerċ fl-għasafar tal-għana. Potenzjalment għandu jittejjeb il-fokus u jiġi ċċarat l-ambitu. | + |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| 80. | Ċirasa tal-Afrika (***Prunus africana***) CoP18 Dok. 80 | | PC | Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi tad-deċiżjonijiet. Skont ir-riżultati tal-Laqgħa Reġjonali għall-Afrika tal-Programm dwar l-Ispeċijiet tas-Siġar tas-CITES skedata f'Marzu 2019, jistgħu jkunu meħtieġa aktar reviżjonijiet għall-abbozzi tad-Deċiżjonijiet. | **(+)** |
| 81. | **African grey** parrot (*Psittacus erithacus*) | | ZA | Miftuħa biex l-iskadenza għar-reġistrazzjonijiet tal-faċilità tat-tgħammir tiġi mtawwla. Madankollu, hija meħtieġa aktar informazzjoni dwar il-possibbiltà tat-tgħammir mill-ġdid tal-*Psittacus erithacus* qabel ma jaqblu li jiżdied il-paragrafu l-ġdid f) għad-Deċiżjoni 17.256. Emendi għat-test jidhru li huma meħtieġa qabel l-adozzjoni. | **(+)** |
| 82. | **Ħuta kardinal Banggai** (*Pterapogon kauderni*) | | AC | Appoġġa s-sett ta' abbozzi tad-deċiżjonijiet; l-UE lesta tappoġġa lill-Indoneżja fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 18.AA. | + |
| 83. | **Rinoċeronti** (Rhinocerotidae spp.) | | | | | |
| | 83.1 | Rapport tal-Kumitat Permanenti u tas-Segretarjat | | *Dokument għadu mhux disponibbli fl-1/3.* | |
| | 83.2 | Reviżjonijiet għar-Riżoluzzjoni Konf. 9.14 (Rev. CoP17) dwar *Il-Konservazzjoni u l-kummerċ fir-rinoċeronti Afrikani u Ażjatiċi*, u deċiżjonijiet assoċjati | KE | Emendi proposti għar-Riżoluzzjoni dwar (a) l-għeluq tas-swieq domestiċi; (b) inkluż il-qrun tar-rinoċeronti miżmuma privatament fir-reġistrazzjoni tal-ħażniet u l-qerda tal-ħażniet; (c) rappurtar regolari mill-Partijiet lill-SC. Jenħtieġ aktar skrutinju tal-benefiċċji tal-konservazzjoni, u l-emendi proposti u l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet għandhom jiġu analizzati bis-sħiħ ladarba dok. 83.1 ikun disponibbli. | **(0)** |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| 84. | **Bućeru bl-elmu (Helmeted hornbill)** (Rhinoplax vigil) CoP18 Dok. 84 | SC | Appoġġa l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet fl-Anness 1, inkluż il-proposti għall-emendi mis-Segretarjati, u tħassir tad-Deċiżjonijiet 17.264, 17.265 u 17.266. | + |
| 85. | **Bronja reġina** (*Strombus gigas*) | | *Dokument għadu mhux disponibbli fl-1/3.* | |
| 86. | Antilopi **Saiga** (*Saiga* spp.) CoP18 Dok. 86 | SC | Appoġġa d-dokument li huwa bbażat fuq ir-riżultat tad-diskussjonijiet fil-Kumitat Permanenti u għandu fil-mira l-istati tal-firxa tas-saiga sabiex itejjeb il-ġestjoni ta' ħażniet ta' partijiet u derivattivi tal-ispeċijiet, itejjeb il-kapaċitajiet tagħhom biex jindirizzaw il-kummerċ illegali, u jtejjeb l-isforzi ta' konservazzjoni in situ u ex situ; appoġġa l-proposta mis-Segretarjat biex il-Kumitat tal-Annimali jkun involut fl-implimentazzjoni ta' deċiżjoni waħda. Id-deċiżjonijiet jista' jkollhom bżonn xi modifiki skont ir-riżultat tal-elenkar 'il fuq tal-ġeneru kollu *Saiga* spp. fl-Appendiċi I miftiehem. Ikkunsidra jekk xi elementi tad-Deċiżjonijiet 17.268, 17.269 u 17.270 għandhomx jinżammu. | + |
| 87. | Il-konservazzjoni taż-**żringˇ tal-ilma Titicaca** (*Telmatobius culeus*) | | *Dokument għadu mhux disponibbli fl-1/3.* | |
| 88. | **Fkieren tal-art** u fkieren tal-ilma ħelu (*Testudines spp.*) CoP18 Dok. 88 | SC, Sek. | Appoġġa b'mod ġenerali l-abbozz tal-verżjoni riveduta tar-Riżoluzzjoni Konf 11.9 dwar *Il-Konservazzjoni ta' u l-kummerċ fil-fkieren tal-art u l-fkieren tal-ilma ħelu* u l-abbozzi tad-deċiżjonijiet proposti mis-Segretarjat; ikkunsidra l-ħtieġa li x-xogħol futur jiġi ffokat fuq bżonnijiet prattiċi. | **(+)** |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| 89. | **Totoaba** (*Totoaba macdonaldi*) CoP18 Dok. 89 | Sek. | Appoġġa l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet dwar aktar ġbir ta' informazzjoni mill-Partijiet; miżuri ta' sensibilizzazzjoni u ta' infurzar; studju dwar il-vaquita u t-totoaba (deskrizzjoni miftiehma mill-SC) li għandu jitwettaq mis-Sek. | + |
| 90. | **Denfil geddumu qasir** tal-Baħar l-Iswed (*Tursiops truncatus ponticus*) CoP18 Dok. 90 | AC | Appoġġa l-abbozz ta' Deċiżjoni għas-Segretarjat biex jikkoopera mal-ACCOBAMS. | + |
| 91. | Il-konservazzjoni tal-**vicuña** (*Vicugna vicugna*) u l-kummerċ fil-fibra u l-prodotti tagħha | AR | B'mod ġenerali appoġġa l-abbozz ta' riżoluzzjoni dwar il-konservazzjoni tal-vicuña u l-kummerċ fil-fibra u l-prodotti tagħha; id-dokument ġie ppreparat skont il-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Vicuña. Hemm bżonn ta' aktar diskussjoni dwar il-format u l-abbozzar tat-test. *Ikkunsidra flimkien mad-Dok. 53.* | **(+)** |
| 92. | Speċijiet elenkati fl-**Appendiċi-I** CoP18 Dok. 92 | Sek., AC, PC | Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 17.22 u 17.25. Appoġġa l-adozzjoni. | + |
| 93. | Speċijiet ta' **siġar tat-tropiċi ġodda** CoP18 Dok. 93 | PC | Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi tad-deċiżjonijiet. | + |
| 94. | Ġestjoni tal-konservazzjoni ta' u kummerċ f'**ħut ornamentali tal-baħar** CoP18 Dok. 94 | CH, US, EU | Appoġġ għall-abbozzi tad-Deċiżjonijiet (Proposta konġunta mill-UE). | + |
| 95. | Materjali ta' gwida, attivitajiet u għodod immirati biex itejbu l-kapaċità tal-Partijiet fir-regolazzjoni tal-kummerċ fil-**bushmeat** | | *Dokument għadu mhux disponibbli fl-1/3.* | |
| 96. | **Inizjattiva dwar il-Karnivori tal-Afrika** | | *Dokument għadu mhux disponibbli fl-1/3.* | |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| 97. | Il-ġestjoni tal-kummerċ fi u l-konservazzjoni tal-**avultun** tal-Afrika tal-Punent<br>CoP18 Dok. 97 | BF, NE, SN | Appoġġa s-sett ta' deċiżjonijiet li jippromwovu sinerġiji mal-Konvenzjoni dwar l-Ispeċijiet Migratorji (CMS). L-indirizzar tal-avvelenament illegali u l-kummerċ ibbażat fuq it-twemmin huwa importanti ħafna, u hemm rabtiet qawwija bejn il-kaċċa tal-iljunfant / ir-rinoċeronti u l-avvenimenti ta' avvelenament tal-avultuni. Waħda mill-ispeċijiet indirizzati fid-dokument, l-avultun Eġizzjan, tgħammar regolarment fl-UE u fix-xitwa tpassi lejn l-Afrika. | + |
| Manutenzjoni tal-Appendiċijiet | | | | |
| 98. | **Riżervi** dwar emendi għall-Appendiċi I u II CoP18 Dok. 98 | Sek. | Appoġġa l-emendi proposti għar-Riż. Konf. 4.25 dwar Riżervi, biex tkun ikkonfermata l-iskadenza ta' 90 jum għar-riservi għall-elenkar ta' App. I u II, u biex ikun iċċarat meta l-irtirar ta' riserva jsir effettiv. | + |
| 99. | **Nomenklatura** standard<br>CoP18 Dok. 99 | AC, PC, Sek. | Appoġġa l-emendi proposti għall-Anness għar-Riż. Konf. 12.11 u abbozzi ta' Deċiżjonijiet assoċjati. | + |
| | L-Anness 5: Referenzi Standard Proposti Ġodda għas-CITES għan-Nomenklatura tal-Għasafar (Klassi Avjarja)<br>CoP18 Dok. 99 A5 | | Ħu nota tar-rapport tal-konsulent dwar referenzi standard għan-nomenklatura tal-għasafar. | |
| | L-Anness 6: Bidliet proposti fil-letteratura ppubblikata dwar in-nomenklatura ta' speċijiet ta' annimali elenkati fis-CITES li għalihom il-Kumitat tal-Annimali, fiż-żmien tas-sottomissjoni tad-dokument CoP18, għadu ma laħaqx rakkomandazzjoni dwar l-adozzjoni jew ir-rifjut għall-finijiet tas-CITES<br>CoP18 Dok. 99 A6 | | | |
| 100. | Inklużjoni ta' speċijiet fl-**Appendiċi III** | | *Dokument mhux disponibbli fil-1/3.* | |

| *Nru* | *Punt tal-aġenda* | *Proponent*[1] | *Kummenti* | *Pożizzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| 101. | **Annotazzjonijiet**<br>CoP18 Dok. 101 | SC | Appoġġa l-emendi proposti għar-Riż. Konf. 11.21 (Rev. CoP17), reviżjoni tal-Paragrafu 7 tat-Taqsima tal-Interpretazzjoni tal-Appendiċi tas-CITES, u abbozzi ta' deċiżjonijiet li jinsabu fl-Anness 4. Appoġġa l-emendi proposti għad-Deċiżjoni 16.162 (Rev. CoP17) iżda ibqa' miftuħa għal bidliet potenzjali skont ir-riżultat tal-annotazzjoni #15. | + |
| 102. | Annotazzjonijiet għall-Appendiċi II dwar l-**Orkidej** CoP18Dok. 102 | SC | Appoġġa l-abbozz tad-definizzjoni tat-terminu "kożmetiċi", u adotta d-deċiżjonijiet proposti. | + |
| 103. | Gwida għall-**pubblikazzjoni** tal-Appendiċi<br>CoP18 Dok. 103 | CA | Ikkunsidra l-ħtieġa għall-gwida proposta dwar l-annotazzjonijiet, ukoll fid-dawl tal-kummenti futuri tas-Sek. | **0** |
| 104. | Reviżjoni tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.9 dwar *Il-Konsiderazzjoni tal-proposti għat-trasferiment tal-**popolazzjonijiet tal-iljunfanti** Afrikani **mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II***<br>CoP18 Dok. 104 | SC | Appoġġa t-tħassir propost tar-Riżoluzzjoni u t-tħassir tad-Deċiżjoni assoċjata. | + |
| **Proposti biex jiġu emendati l-Appendiċi** | | | | |
| 105. | Proposti għal emendar tal-Appendiċi I u II | | *Proposti għall-elenkar huma indirizzati fil-Parti 2 ta' dan id-dokument, hawn taħt.* | |
| **Konklużjoni tal-laqgħa** | | | | |
| 106. | Determinazzjoni tal-ħin u l-post tal-laqgħa regolari li jmiss tal-Konferenza tal-Partijiet (l-ebda dokument) | | Ebda dokument | |
| 107. | Rimarki tal-aħħar (Osservaturi, Partijiet, Segretarju Ġenerali tas-CITES, Gvern Ospitanti) (l-ebda dokument) | | Ebda dokument | |

## 2. PROPOSTI GĦALL-ELENKAR

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | *Capra falconeri heptneri* (Heptner's markhor) (popolazzjoni tat-Taġikistan) | I - II<br>Il-popolazzjoni tat-Taġikistan hija trasferita mill-App. I għall-App. II | It-Taġikistan | Il-popolazzjoni tidher li qed tiżdied u l-ġestjoni tal-kaċċa skont id-dispożizzjonijiet tas-CITES għall-ispeċijiet tal-Appendiċi I ġġeneraw dħul li jmur lura għand il-komunitajiet u għall-konservazzjoni. Madankollu, il-proposta ma fihiex evidenza b'saħħitha biżżejjed biex tindika li l-miżuri ta' prekawzjoni fl-Anness 4 tar-Riż. Konf. 9.24 ġew issodisfati; elenkar 'l isfel iwassal għal żieda fil-volum ta' kummerċ mingħajr garanziji li d-dħul jiġi ritornat għall-konservazzjoni. L-IUCN irrakkomandat li jitkompla u li l-ġestjoni attwali tissaħħaħ. | – |
| 2 | *Saiga tatarica* (Saiga tal-isteppi) | II – I<br>Trasferita mill-App. II għall-App. I | Il-Mongolja<br>L-Istati Uniti tal-Amerka | Tinħtieġ aktar analiżi u kjarifika tal-kwistjonijiet tassonomiċi, inkluż dwar jekk nomenklatura differenti min-nomenklatura standard adottata mill-CoP tas-CITES tistax tintuża fil-lista tal-proposti (ara Riż. 9.24 Anness 6, taqsima C-1.4.). Il-proposta tikkunsidra s-Saiga riċenti kollha bħala speċi waħda, f'konformità mal-Lista l-Ħamra tal-IUCN. Madankollu, ir-referenza tassonomika tas-CITES valida bħalissa tissepara l-popolazzjonijiet Mongoljani bħala *S. borealis*. Jidher għalhekk li l-popolazzjoni tal-Mongolja tal-*S. borealis*, mhijiex | (–) |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | koperta mill-proposta. F'sitwazzjoni bħal din, il-proposta għandha tkun opposta biex jiġi evitat kull impatt negattiv għall-elenkar ta' *S. tatarica* fl-Appendiċi I fil-popolazzjoni ta' *S. borealis.*<br><br>F'każ li kjarifika tan-nomenklatura tippermetti l-elenkar tal-ġeneru sħiħ fil-CoP18, l-UE għandha tikkunsidra li tappoġġa din il-proposta, jew proposta emendata li tirriżulta f'elenkar tal-popolazzjoni tal-Mongolja tal-*S. Borealis*. fl-Appendiċi I. | |
| 3 | *Vicugna vicugna* (vicuña) (popolazzjoni tal-Provinċja ta' Salta) | I – II<br><br>Il-popolazzjoni tal-Provinċja ta' Salta (l-Arġentina) hija trasferita mill-App. I għall-App. II bl-annotazzjoni bin-numru 1 | L-Arġentina | Mill-2006, id-daqs tal-popolazzjoni baqa' jiżdied b'mod konsiderevoli, il-monitoraġġ tal-popolazzjoni jidher li huwa tajjeb u 41% (14.000 km²) tal-ħabitat huwa protett. L-unika forma ta' utilizzazzjoni ppjanata hija t-tqaxxir ta' eżemplari selvaġġi.<br><br>*Dan għandu jiġi kkunsidrat flimkien mad-dokument ta' ħidma nru 91.* | + |
| 4 | *Vicugna vicugna* (vicuña) (popolazzjoni taċ-Ċilì) | L-isem tal-popolazzjoni taċ-Ċilì għandu jinbidel minn "popolazzjoni tar-Reġjun Primera" għal "popolazzjonijiet tar-reġjun ta' Tarapacá u tar-reġjun ta' Arica u Parinacota" | Iċ-Ċilì | Appoġġaha – il-proposta ma fiha l-ebda bidla sostantiva għall-elenkar u taġġusta biss isem ġeografiku. | + |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 | *Giraffa camelopardalis* (ġiraffa) | 0 - II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, iċ-Chad, il-Kenya, il-Mali, in-Niġer and is-Senegal | Hemm bżonn ta' aktar evidenza biex jintwera li l-kummerċ internazzjonali jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis ta' kwalunkwe popolazzjoni u li l-kriterji għall-inklużjoni fl-Appendiċi II huma sodisfatti. It-triq 'il quddiem ippreferuta hija l-adozzjoni ta' sett ta' deċiżjonijiet li jitolbu għal studju estern u għall-kunsiderazzjoni mill-Kumitat tal-Annimali u l-Kumitat Permanenti. | 0 |
| 6 | *Aonyx cinereus* (lontra bi dwiefer żgħar) | II - I<br>Trasferita mill-App. II għall-App. I | L-Indja, in-Nepal u l-Filippini | Hemm bżonn ta' konferma ulterjuri dwar jekk il-kriterji għall-elenkar fl-Appendiċi I ġewx issodisfati. Skont l-IUCN, il-kummerċ tal-annimali domestiċi fuq l-internet jikkontribwixxi għat-tnaqqis rapidu riċenti tal-ispeċi. | 0 |
| 7 | *Lutrogale perspicillata* (lontra tal-pil lixx) | II - I<br>Trasferita minn App. II għall-App. I | Il-Bangladesh, l-Indja u n-Nepal | Jeħtieġ li jkun ikkonfermat jekk l-ispeċi tissodisfax il-kriterji bijoloġiċi għall-elenkar fl-Appendiċi I. Hemm livelli baxxi ta' kummerċ internazzjonali legali, iżda l-elenkar 'il fuq jista' jgħin biex jipproteġi l-ispeċi billi l-volum tal-kummerċ illegali huwa importanti. | (+) |
| 8 | *Ceratotherium simum simum* (rinoċeronti abjad tan-Nofsinhar) (il-popolazzjoni tal-Eswatini) | L-annotazzjoni eżistenti għall-popolazzjoni tal-Eswatini għandha titneħħa | L-Eswatini | Opponiha. Il-popolazzjoni tkompli tissodisfa l-kriterji għall-elenkar tal-App. II, iżda t-tneħħija tal-annotazzjoni kif proposta ma tissodisfax is-salvagwardji ta' prekawzjoni stabbiliti fil-Para A. 2. a) fl-Anness 4 tar-Riż. Konf. | – |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 9.24. It-tkomplija tal-kummerċ tal-qrun tar-rinoċeronti tibgħat sinjal ħażin f'dan il-mument, minħabba l-livell għoli ta' kaċċa illegali u kummerċ illegali. Din iddgħajjef ukoll l-azzjoni għat-tnaqqis tad-domanda minn ħafna Partijiet għal din l-ispeċi. | |
| 9 | *Ceratotherium simum simum* (Rinoċeronti abjad tan-Nofsinhar) (il-popolazzjoni tan-Namibja) | I - II<br>Trasferiment tal-popolazzjoni ta' *Ceratotherium simum simum* tan-Namibja mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II bl-annotazzjoni li ġejja:<br>"Għall-għan waħdieni li jippermetti l-kummerċ internazzjonali f':<br>a. annimali ħajjin għal destinazzjonijiet xierqa u aċċettabbli; u<br>b. trofej tal-kaċċa.<br>L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċi elenkati fl-Appendiċi I u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan." | In-Namibja | Il-popolazzjoni tan-Namibja tinsab fi stat ta' saħħa tajjeb; tidher li m'għadhiex tissodisfa l-kriterji tal-Appendiċi I u li tissodisfa l-miżuri ta' prekawzjoni għall-elenkar 'l isfel fl-App. II; l-annotazzjoni tidher li hija limitata ħafna u hija l-istess bħal dik diġà stabbilita għall-Afrika t'Isfel u għal Swaziland. Konservazzjoni b'suċċess tal-ispeċi fin-Namibja għandha tiġi rikonoxxuta.<br>Riskji potenzjali assoċjati mal-proposta għandhom jiġu rieżaminati aktar. | (+) |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | *Loxodonta africana* (iljunfant Afrikan) | I - II<br><br>Il-popolazzjoni taż-Żambja hija trasferita mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II soġġetta għal:<br><br>1. Kummerċ f'avorju mhux maħdum irreġistrat (sinniet twal bil-ponta u biċċiet) għal għanijiet kummerċjali biss lill-imsieħba kummerċjali approvati mis-CITES li ma jerġgħux jagħmlu esportazzjoni mill-ġdid.<br>2. Kummerċ fi trofej tal-kaċċa għal għanijiet mhux kummerċjali;<br>3. Kummerċ fil-ġilda u prodotti magħmulin mill-ġilda.<br>4. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċi inklużi fl-Appendiċi I u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan. | Iż-Żambja | L-annotazzjoni ssuġġerita miż-Żambja terġa' tiftaħ il-kummerċ internazzjonali tal-avorju u ma tistax tkun appoġġata kif ippreżentata bħalissa. | – |
| 11 | *Loxodonta africana* (iljunfant Afrikan)<br><br>(il-popolazzjonijiet tal-Botswana, tan-Namibja, tal-Afrika t'Isfel u taż-Żimbabwe)<br><br>Emenda għall-annotazzjoni 2 | Emenda għall-annotazzjoni 2:<br><br>Għall-għan waħdieni li jippermetti:<br>[…]<br>g. kummerċ f'avorju mhux maħdum irreġistrat (għall-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe, sinniet twal bil-ponta u biċċiet sħaħ) soġġetti għal li ġej:<br>i. stokkijiet | Il-Botswana, in-Namibja u ż-Żimbabwe | Il-bidla mitluba se tirriżulta fil-ftuħ tal-kummerċ internazzjonali tal-avorju, u għalhekk ma tissodisfax il-miżuri ta' prekawzjoni skont l-Anness 4 għar-Riż. Konf. 9.24 u hija prematura. | – |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | proprjetà tal-gvern irreġistrati biss, li joriġinaw fl-Istat (minbarra avorju konfiskat jew avorju ta' oriġini mhux magħrufa);<br>ii. għal imsieħba kummerċjali biss li, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti, ġew ivverifikati mill-Kumitat Permanenti, li għandhom leġiżlazzjoni nazzjonali suffiċjenti u kontrolli kummerċjali domestiċi sabiex jiżguraw li l-avorju impurtat mhux se jiġi esportat mill-ġdid u se jiġi ġestit skont ir-rekwiżiti kollha tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP17) fir-rigward ta' manifattura u kummerċ domestiku;<br>iii. mhux qabel mas-Segretarjat ikun ivverifika l-pajjiżi prospettivi tal-importazzjoni u l-istokkijiet proprjetà tal-gvern irreġistrati;<br>iv. ~~avorju mhux maħdum skont il-bejgħ kundizzjonali ta' stokkijiet tal-avorju tal-gvern irreġistrati maqbula f'CoP12 li huma 20,000 kg (il-Botswana), 10,000 kg (in-~~ | | | |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | ~~Namibja), u 30,000 kg (l-Afrika t'Isfel);~~<br>v. ~~flimkien mal-kwantitajiet maqbula f'CoP12, l-avorju tal-gvern mill-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe irreġistrat sal-31 ta' Jannar 2007 u vverifikat mis-Segretarjat jista' jiġi kkumerċjalizzat u ttrasportat, mal-avorju fil-paragrafu (g)(iv) hawn fuq f'bejgħ uniku għal kull destinazzjoni taħt superviżjoni stretta tas-Segretarjat;~~<br>vi. ir-rikavat mill-kummerċ jintuża esklussivament għall-konservazzjoni tal-iljunfanti u għal programmi komunitarji ta' konservazzjoni u żvilupp fi ħdan jew maġenb iż-żona fejn jimirħu l-iljunfanti; u<br>vii. ~~il-kwantitajiet addizzjonali speċifikati fil-paragrafu g) v) hawn fuq għandhom jiġu kkummerċjalizzati biss wara li l-Kumitat Permanenti jkun qabel li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fuq; u~~<br>h. ~~l-ebda proposta ulterjuri li tippermetti l-kummerċ fl-avorju~~ | | | |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | ~~tal-iljunfanti minn popolazzjonijiet diġà fl-Anness B m'għandha titressaq lill-Konferenza tal-Partijiet għall-perjodu minn CoP14 u li jispiċċa disa' snin mid-data tal-bejgħ uniku tal-avorju li għandu jseħħ skont id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu g) i), g) ii), g) iii), g) vi) u g) vii). Barra minn hekk, dawn il-proposti ulterjuri għandhom jiġu ttrattati skont id-Deċiżjonijiet 16.55 u 14.78 (Rev. CoP16).~~<br>[…]" | | | |
| 12 | *Loxodonta africana* (iljunfant Afrikan)<br>(il-popolazzjonijiet tal-Botswana, tan-Namibja, tal-Afrika t'Isfel u taż-Żimbabwe) | II - I<br>It-trasferiment tal-popolazzjonijiet tal-Botswana, tan-Namibja, tal-Afrika t'Isfel u taż-Żimbabwe mill-App. II għall-App. I | Il-Burkina Faso, il-Kosta tal-Avorju, il-Gabon, il-Kenja.<br>Il-Liberja, in-Niġer, in-Niġerja, is-Sudan, ir-Repubblika Għarbija Sirjana u t-Togo | Dawn l-erba' popolazzjonijiet ma jissodisfawx il-kriterji tal-App. I u l-istati tal-firxa in kwistjoni ma jaqblux mal-elenkar 'il fuq. | – |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 | *Mammuthus primigenius* (mammut sufi) | 0 – II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Iżrael | L-iskop tas-CITES huwa li tipproteġi l-ispeċi minn sfruttament żejjed u estinzjoni. Kwistjonijiet li huma simili ma jidhirx li huma argument validu biżżejjed għall-elenkar tal-mammoth. Ma ġietx ipprovduta evidenza għall-identifikazzjoni ħażina u l-ħasil fuq skala kbira, u s-snien tal-avorju tal-iljunfant u tal-mammoth juru karatteristiċi uniċi li huma faċli biex ikunu distinti minn xi ħadd li mhux espert. Elenkar fuq App. II ma jkunx proporzjonat mal-iskala tar-riskju ppreżentat (potenzjalment jiġġenera ħafna permessi mingħajr, jew benefiċċju ta' konservazzjoni limitat). | – |
| 14 | *Leporillus conditor* (far perit) | I - II<br>Trasferit mill-App. I għall-App. II | L-Awstralja | It-trasferiment għall-Appendiċi II irrakkomandat mill-Kumitat ta-Annimali tas-CITES. L-ispeċi ma tinstabx fil-kummerċ internazzjonali. | + |
| 15 | *Pseudomys fieldi praeconis* (ġurdien ta' Shark Bay) | I - II<br>Trasferit mill-App. I għall-App. II | L-Awstralja | It-trasferiment għall-Appendiċi II irrakkomandat mill-Kumitat ta-Annimali tas-CITES. L-ispeċi ma tinstabx fil-kummerċ internazzjonali. | + |
| 16 | *Xeromys myoides* (far tal-ilma falz) | I – II<br>Trasferit mill-App. I għall-App. II | L-Awstralja | It-trasferiment għall-Appendiċi II irrakkomandat mill-Kumitat ta-Annimali tas-CITES. L-ispeċi ma tinstabx fil-kummerċ internazzjonali. | + |
| 17 | *Zyzomys pedunculatus* (far tal-blat tal-Awstralja Ċentrali) | I – II<br>Trasferit mill-App. I għall-App. II | L-Awstralja | It-trasferiment għall-Appendiċi II irrakkomandat mill-Kumitat ta-Annimali tas-CITES. L-ispeċi ma tinstabx fil-kummerċ | + |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | internazzjonali. | |
| 18 | *Syrmaticus reevesii* (faġan ta' Reeves) | 0 – II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | CN | Il-popolazzjoni taċ-Ċina biss tissodisfa l-kriterji tal-elenkar għall-inklużjoni fl-Appendiċi II. Miftuħa biex nappoġġaw proposta iktar limitata li tipprovdi li l-piż amministrattiv marbut mal-ġestjoni tal-kummerċ ta' kampjuni minn popolazzjonijiet introdotti jibqa' proporzjonat. Dan jista' jinkiseb billi l-elenkar fl-Appendiċi II jiġi limitat għall-popolazzjoni taċ-Ċina, jew billi jiġu elenkati l-ispeċi miċ-Ċina fl-Appendiċi III. | (0) |
| 19 | *Balearica pavonina* (għarnuq rasu sewda) | II - I<br>Trasferita mill-App. II għall-App. I | Il-Burkina Faso, il-Kosta tal-Avorju u s-Senegal | Mhux ċar jekk il-kriterji għall-elenkar humiex issodisfati, u jekk l-elenkar 'il fuq jgħinx fil-ġlieda kontra l-kummerċ illegali. Analiżi dwar impatt potenzjali fuq il-kummerċ fil-*Balearica regulorum* (li huwa aktar fil-periklu) hija meħtieġa (Appendiċi II) (Il-Lista l-Ħamra tal-IUCN) – Żewġ stati tal-firxa bħalissa huma soġġetti għal sospensjoni tal-kummerċ skont il-proċess ta' Rieżami tal-Kummerċ ta' Livell Sinifikanti (RST). L-Istati tal-firxa l-oħra tneħħew mill-proċess minħabba li ma kinux ta' ħassib. L-AC ma ġiex ikkonsultat kif meħtieġ fl-Anness 6, punt 10 tar-Riż. Konf. 9.24 fejn proposti għat-trasferiment tal-ispeċi tal-App. II għall-App. I huma soġġetti għal RST. Jista' jkun aħjar li wieħed jistenna | 0 |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | r-riżultat tal-RST qabel ma jkun applikat l-elenkar ’il fuq. | |
| 20 | *Dasyornis broadbenti litoralis* (rufous bristlebird tal-Punent) | Trasferit mill-App. I għall-App. II | L-Awstralja | Il-proposta tirriżulta minn Rieżami Perjodiku tas-CITES u tikkonċerna speċi li mhix fil-kummerċ (meqjusa bħala estinta, l-aħħar osservazzjoni saret fl-1906). | + |
| 21 | *Dasyornis longirostris* (Dasijornu munqaru twil) | I - II<br>Trasferit mill-App. I għall-App. II | L-Awstralja | Il-proposta tirriżulta minn Rieżami Perjodiku tas-CITES u tikkonċerna speċi li mhix fil-kummerċ. | + |
| 22 | *Crocodylus acutus* (kukkudrill Amerikan) (popolazzjoni tal-Messiku) | I - II<br>Il-popolazzjoni tat-Messiku hija trasferita mill-App. I għall-App. II | Il-Messiku | Appoġġa t-trasferiment mill App. I għall-App. II jekk il-Messiku jistipula kwota 0 għall-eżemplari mis-selvaġġ (kodiċi tas-sors W) | (+) |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 23 | *Calotes nigrilabris* u *Calotes pethiyagodai* (gremxul tal-ġonna) | 0 – I<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. I | Is-Sri Lanka | Jidher li l-kriterji *bijoloġiċi* għall-elenkar fl-Appendiċi tas-CITES ġew milħuqa iżda m'hemmx evidenza biżżejjed biex turi li l-livelli attwali jew antiċipati tal-*kummerċ* huma ta' detriment għas-sopravivenza tagħhom fis-selvaġġ.<br>Wara l-qasma tassonomika ta' *Calotes liocephalus* u *C. Pethiyagodai* l-istatus nazzjonali inbidel għal "Periklu Kritiku" għal *C. liocephalus*, li mhuwiex propost għall-elenkar, għalkemm huwa saħansitra aktar fil-periklu minn *C. pethivagodai.* Billi ż-żewġ speċijiet ġew ikkunsidrati bħala speċi waħda fil-passat u bħala tali ma tantx jistgħu jiġu ddifferenzjati, l-elenkar ta' *C. pethiyagodai* fl-Appendiċi I jista' jikkawża problemi ta' konservazzjoni għal *C. liocephalu* jew il-kummerċ f'*C. pethiyagodai* jista' jitkompla bħala *C. liocephalus.* Hemm ukoll kwistjonijiet dwar immarkar individwali tal-eżemplari jekk elenkati fl-Appendiċi I, minħabba d-daqs żgħir tagħhom u l-bidla fil-kulur. | 0 |
| 24 | *Ceratophora* spp. (gremxul muqran) | 0 – I<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. I | Is-Sri Lanka | Opponi l-elenkar tal-ġeneru fl-Appendiċi I, iżda aqbel li jinkludu *C. erdeleni, C. karu,* u *C. tennenti* fl-Appendiċi I u *C. stoddartii* u *C. Asper* fl-Appendiċi II.<br>Kriterji bijoloġiċi għall-Appendiċi I huma ssodisfati minn tliet speċi (minn ħames speċi | (+) |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | fil-ġeneru): *C. karu, C. erdelen*i u *C. tennentii*. L-Appendiċi II jidher iktar iġġustifikat għaż-żewġ speċi l-oħra *C. aspera & C. stoddartii* li huma aktar komuni, iżda wkoll iktar ikkummerċjalizzati; ta' min wieħed jinnota wkoll li m'hemm l-ebda kriterju dwar "dehra simili" għall-elenkar fl-Appendiċi I (Anness 1 tar-Riż. Konf. 9.24 (Rev. CoP17)). | |
| 25 | *Cophotis ceylanica* u *Cophotis dumbara* (gremxul nanu) | 0 – I<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. I | Is-Sri Lanka | Il-proposta tidher li tissodisfa l-kriterji bijoloġiċi; offtakes, anke f'ammonti żgħar jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-bqija tal-popolazzjonijiet. Dawn huma l-uniċi żewġ speċi f'dan il-ġeneru, u t-tnejn huma endemiċi għas-Sri Lanka u huma elenkati bħala f'periklu kbir ħafna fil-Lista l-Ħamra Nazzjonali tas-Sri Lanka (2012). Aktar evidenza ta' kummerċ internazzjonali riċenti f'eżemplari ta' fawna maqbuda fis-selvaġġ tappoġġa l-elenkar fl-Appendiċi I, iżda l-elenkar fl-Appendiċi II jista' jkun aħjar. | + |
| 26 | *Lyriocephalus scutatus* (gremxula mneħirha mħatteb) | 0 – I<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. I | Is-Sri Lanka | Appoġġa l-elenkar fl-Appendiċi II minħabba li l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi I ma jiġux issodisfati iżda dawk tal-App. II jiġu ssodisfati. | (–) |
| 27 | *Goniurosaurus spp.* ("leopard gecko") (popolazzjonijiet taċ-Ċina u tal-Vjetnam) | 0 - II<br>Inkludi l-ispeċi taċ-Ċina u tal-Vjetnam fl-App II | Iċ-Ċina, l-Unjoni Ewropea, il-Vjetnam | Proposta konġunta mill-UE.<br>Itlob korrezzjoni tal-preżentazzjoni tal-proposta ta' elenkar fuq is-sit web tas-CITES CoP18 minn "*popolazzjonijiet* taċ- | + |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Ċina u l-Vjetnam" għal "*speċi* taċ-Ċina u l-Vjetnam", f'konformità mat-test tal-proposta ta' elenkar kif ippreżentat oriġinarjament. | |
| 28 | *Gekko gecko* (wiżgħa Tokay) | 0 - II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | L-Unjoni Ewropea, l-Indja, il-Filippini, l-Istati Uniti tal-Amerka | Proposta konġunta mill-UE. | + |
| 29 | *Gonatodes daudini* (wiżgħa bi dwiefer tal-Grenadini) | 0 - I<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. I | Saint Vincent u l-Grenadini | L-ispeċi tissodisfa l-kriterji bijoloġiċi għall-elenkar fl-Appendiċi I. Il-kummerċ internazzjonali rrappurtat ftit wara l-iskoperta tal-ispeċi għadu għaddej, għalkemm il-ġbir tagħhom fil-ħabitat naturali mhuwiex permess. | + |
| 30 | *Paroedura androyensis* (wiżgħa tal-art ta' Grandidier ta' Madagascar) ("Grandidier's Madagascar ground gecko") | 0 – II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | L-Unjoni Ewropea, Madagascar | Proposta konġunta mill-UE. | + |
| 31 | *Ctenosaura* spp. (igwana denbha mxewwek) | 0 - II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | El Salvador u l-Messiku | Il-proposta tissodisfa l-kriterji għall-elenkar; diversi speċijiet tal-ġeneru jistgħu jsiru eliġibbli għall-inklużjoni fl-Appendiċi I fil-futur jekk il-kummerċ ma jkunx regolat billi għandhom jew popolazzjonijiet żgħar, żoni ristretti ta' distribuzzjoni u esperjenzaw tnaqqis fil-popolazzjoni, jew taħlita ta' dawn it-tliet kriterji, u huma vulnerabbli ħafna jew għal fatturi intrinsiċi jew estrinsiċi. | + |
| 32 | *Pseudocerastes* | 0 - II | L-Iran | Iktar informazzjoni hija | 0 |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | *urarachnoides* ("spider-tailed horned viper") | Għandu jiġi inkluż fl-App. II | | meħtieġa biex turi li l-kriterju dwar il-*kummerċ* ġie ssodisfat. Hemm informazzjoni limitata disponibbli fil-proposta dwar il-firxa tal-ġbir mis-selvaġġ u l-kummerċ internazzjonali tal-ispeċi (b'evidenza ta' numru żgħir biss ta' li jidhru fil-kummerċ barra mill-firxa tal-Istat tal-ispeċi), u għalkemm l-ispeċi hija kklassifikata bħala "fil-periklu fuq livell nazzjonali", hemm nuqqas ta' *data* biex tindika d-daqs tal-popolazzjoni, id-distribuzzjoni, jew jekk l-ispeċi hux qiegħda tonqos. | |
| 33 | *Cuora bourreti* ("Bourret's box turtle") | II - I<br>Trasferita mill-App. II għall-App. I | Il-Vjetnam | Appoġġa t-trasferiment għall-App. I; speċi "f'periklu kritiku" li tissodisfa mill-inqas il-kriterju C.i) fl-Anness 1 tar-Riż. Konf. 9.24 u hija kkumerċjalizzata b'mod qawwi. | + |
| 34 | *Cuora picturata* ("Vietnamese box turtle") | II - I<br>Trasferita mill-App. II għall-App. I | Il-Vjetnam | Appoġġa t-trasferiment għall-App. I; speċi "f'periklu kritiku" li tissodisfa l-kriterji bijoloġiċi kollha tar-Riż. Konf. 9.24 għall-Appendiċi I u hija kkumerċjalizzata b'mod qawwi. Il-proposta hija riżultat ta' rakkomandazzjoni tar-Rieżami Perjodiku. | + |
| 35 | *Mauremys annamensis* (fekruna tal-ħawt Annam) | II – I<br>Trasferita mill-App. II għall-App. I | Il-Vjetnam | Appoġġa t-trasferiment għall-App. I; speċi "f'periklu kritiku" li tissodisfa mill-inqas il-kriterju C.i) fl-Anness 1 tar-Riż. Konf. 9.24 u hija kkumerċjalizzata b'mod qawwi. Il-proposta hija riżultat ta' rakkomandazzjoni tar-Rieżami Perjodiku. | + |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 36 | *Geochelone elegans* (fekruna stilla Indjana) | II - I<br>Trasferita mill-App. II għall-App. I | Il-Bangladesh, l-Indja, is-Senegal u s-Sri Lanka | L-elenkar huwa propost b'mod konġunt mill-maġġoranza tal-istati tal-firxa. Madankollu, aktar informazzjoni tkun utli biex tikkonferma li l-kriterji bijoloġiċi fl-Anness 1 tar-Riż. Konf. 9.24 jiġu ssodisfati. Il-kummerċ illegali huwa ta' ħassib kbir, għalkemm il-ħsad u l-kummerċ ta' eżemplari selvaġġi huma diġà pprojbiti fl-Istati fil-firxa. It-ħassib dwar l-użu ħażin tal-kodiċi tas-sors C u l-ħasil potenzjali ta' eżemplari selvaġġi permezz ta' operazzjonijiet ta tgħammir fil-magħluq diġà qed jiġu indirizzati mis-CITES skont ir-Riżoluzzjoni Konf. 17.7. | (+) |
| 37 | *Malacochersus tornieri* (fekruna ċatta) | II – I<br>Trasferita mill-App. II għall-App. I | Il-Kenja<br>L-Istati Uniti tal-Amerka | Appoġġa l-proposta. L-iktar Valutazzjoni tal-Lista l-Ħamra riċenti (2018) ivvalutat l-ispeċi bħala f'" Perikolu Kritiku". Il-proposta tidher li hija proporzjonata mar-riskji antiċipati għall-ispeċi, li hija f'domanda konsiderevoli mis-settur tal-kummerċ u milquta minn kummerċ illegali. L-isfruttament żejjed huwa rrappurtat bħala fattur ewlieni li bħalissa jaffettwa l-popolazzjonijiet tal-ispeċi. L-ispeċi tidher li tissodisfa l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi I. | + |
| 38 | *Hyalinobatrachium* spp., *Centrolene* spp., *Cochranella* spp., u *Sachatamia* spp. (żrinġijiet tal- | 0 - II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Il-Costa Rica, El Salvador | L-UE tista' tappoġġa proposta iktar limitata jekk il-proponenti jiddeċiedu li jillimitawha għal dawk l-ispeċi li għalihom | (–) |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | ħġieġ) | | | jista' jintwera li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar. Madankollu, minħabba nuqqas ta' *data* dwar il-popolazzjoni, u minħabba li l-kummerċ irrappurtat iseħħ l-aktar fi speċi ta' "Inqas Tħassib", l-inklużjoni fl-App. II tal-104 speċi kollha li jappartjenu għal erba' ġeneri ma tidhirx proporzjonata. Tenħtieġ aktar informazzjoni dwar dawk l-ispeċi li għalihom il-kummerċ huwa l-aktar prevalenti. | |
| 39 | *Echinotriton chinhaiensis* u *Echinotriton maxiquadratus* ("spiny newts") | 0 – II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Iċ-Ċina | L-ispeċijiet jissodisfaw il-kriterji bijoloġiċi għall-elenkar fl-Appendiċi I. Il-konservazzjoni tagħhom tibbenefika mill-protezzjoni internazzjonali. Anki jekk il-livelli tal-kummerċ internazzjonali jidhru baxxi, kwalunkwe kummerċ ta' eżemplari selvaġġ jista' jkun ta' detriment għas-sopravivenza tal-popolazzjonijiet, billi l-popolazzjonijiet huma żgħar ħafna u qed jonqsu.<br>*Echinotriton* ġie maqsum minn *Tylototriton* (proposta għall-elenkar nru 41) biss fl-1982. Għalhekk, l-elenkar taż-żewġ ġeneri huwa wkoll xieraq fuq il-bażi tal-kriterju li jidhru simili. | + |
| 40 | *Paramesotriton spp.* (gremxul tal-ilma bil-felul) | 0 – II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Iċ-Ċina, l-Unjoni Ewropea | Proposta konġunta mill-UE. | + |
| 41 | *Tylototriton spp.* | 0 – II | Iċ-Ċina, l-Unjoni | Proposta konġunta mill- | + |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | (gremxul tal-ilma li jixbah il-kukkudrilli) | Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Ewropea | UE. | |
| 42 | *Isurus oxyrinchus* u *Isurus paucus* (pixxitondi) | 0 - II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Il-Bangladesh, il-Benin, il-Bhutan, il-Brażil, il-Burkina Faso, Cape Verde, iċ-Chad, il-Kosta tal-Avorju, ir-Repubblika Dominikana, l-Eġittu, l-Unjoni Ewropea, il-Gabon, il-Gambja, il-Ġordan, il-Libanu, il-Liberja, il-Maldivi, il-Mali, il-Messiku, in-Nepal, in-Niġer, in-Niġerja, Palau, Samoa, is-Senegal, is-Sri Lanka, is-Sudan, it-Togo | Proposta konġunta mill-UE. Il-pożizzjoni għandha tiġi ffinalizzata billi jitqiesu r-riżultati tal-valutazzjonijiet mill-Bord Konsultattiv Espert tal-FAO, mis-Segretarjat tas-CITES u mill-IUCN. | (+) |
| 43 | *Glaucostegus spp.* (“guitarfishes”) | 0 - II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Il-Bangladesh, il-Benin, il-Bhutan, il-Brażil, il-Burkina Faso, Cape Verde, iċ-Chad, il-Kosta tal-Avorju, l-Eġittu, l-Unjoni Ewropea, il-Gabon, il-Gambja, il-Maldivi, il-Mali, il-Mauritania, Monaco, in-Nepal, in-Niġer, in-Niġerja, Palau, is-Senegal, Sierra Leone, is-Sri Lanka, ir-Repubblika Għarbija Sirjana, it-Togo, l-Ukrajna | Proposta konġunta mill-UE. | + |
| 44 | *Rhinidae spp.* “wedgefishes” | 0 – II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Il-Bangladesh, il-Benin, il-Bhutan, il-Brażil, il-Burkina Faso, Cape Verde, iċ-Chad, il-Kosta tal-Avorju, l-Eġittu, | Proposta konġunta mill-UE. | + |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | l-Etjopja, l-Unjoni Ewropea, Fiġi, il-Gabon, il-Gambja, l-Indja, il-Ġordan, il-Kenja, il-Libanu, il-Maldivi, il-Mali, il-Messiku, Monaco, in-Nepal, in-Niġer, in-Niġerja, Palau, il-Filippini, l-Arabja Sawdija, is-Senegal, is-Seychelles, is-Sri Lanka, is-Sudan, ir-Repubblika Għarbija Sirjana, it-Togo, l-Ukrajna | | |
| 45 | *Holothuria (Microthele) fuscogilva, Holothuria (Microthele) nobilis, Holothuria (Microthele) whitmaei* (bużżi) | 0 - II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | L-Unjoni Ewropea, il-Kenja, is-Senegal, is-Seychelles, l-Istati Uniti tal-Amerka | Proposta konġunta mill-UE. | + |
| 46 | *Poecilotheria* spp. (brimb ornamentali) | 0 - II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Is-Sri Lanka, L-Istati Uniti tal-Amerka | Appoġġa b'mod tentattiv. L-ispeċijiet kollha jidhru li jissodisfaw tal-inqas uħud mill-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi II. Jista' jkun hemm diffikultajiet fl-implimentazzjoni fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' eżemplari mrobbija fil-magħluq. | (+) |
| 47 | *Achillides chikae hermeli* ("Mindoro peacock swallowtail") | 0 - I | L-Unjoni Ewropea, Il-Filippini | Proposta konġunta mill-UE. | + |
| 48 | *Parides burchellanus* ("riverside swallowtail") | 0 - I<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. I | Il-Brażil | Appoġġa l-proposta. *L-ispeċi tissodisfa l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi I. L-ispeċi* timmanifesta f'numri tal-kummerċ u minħabba d-daqs żgħir tal-popolazzjoni, | + |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | kwalunkwe kummerċ jista' jkun ta' detriment. | |
| 49 | *Handroanthus* spp., *Tabebuia* spp. u *Roseodendron* spp. ("trumpet trees") | 0 - II<br>Għandhom jiġu inklużi fl-App. I bin-notazzjoni #6 | Il-Brażil | Appoġġa. Il-kriterji fir-Riżoluzzjonijiet 9.24 u 11.21 intlaħqu. Speċijiet tal-ġeneru *Handroanthus* huma magħrufa li huma fil-kummerċ għall-kostruzzjoni u għall-użu fuq barra. Reviżjonijiet xjentifiċi jissuġġerixxu li dan il-kummerċ huwa responsabbli għat-tnaqqis fil-popolazzjoni u għandu impatt detrimentali fuq l-istat tal-ispeċi. *Tabebuia* u *Roseodendron* jinsabu fil-kummerċ bl-istess isem kummerċjali u xjentifiku, u huwa diffiċli li l-injam jiġi distint minn *Handroanthus*. L-ambitu tal-proposta huwa ġġustifikat sew minn raġunijiet simili. L-UE hija importatur ta' livell sinifikanti madwar id-dinja. | + |
| 50 | *Widdringtonia whytei* ("Mulanje Cedar") | 0 – II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Il-Malawi | Opponi sakemm il-Malawi ma jippreżentax evidenza ta' kummerċ internazzjonali ta' ħsara għall-konservazzjoni tal-ispeċi. L-ispeċi tista' minflok tibbenefika minn elenkar fl-Appendiċi III. | (–) |
| 51 | *Dalbergia sissoo* (rosewood tat-Tramuntana tal-Indja) | II – 0<br>Ħassar mill-App. II | Il-Bangladesh, il-Bhutan, l-Indja u n-Nepal | L-ispeċi hija komuni u ma tissodisfax il-kriterji bijoloġiċi għall-App II, iżda huwa probabbli ħafna li xorta tissodisfa l-kriterju ta' Riż 9.24 (kriterju A tal-Anness 2 b). Din il-proposta għandha titqies ukoll flimkien mal-emendi proposti għall-annotazzjoni #15. | (–) |
| 52 | *Dalbergia* spp., *Guibourtia demeusei*, | II - II<br>Emenda l- | Il-Kanada, L-Unjoni Ewropea | Proposta konġunta mill-UE. | + |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | *Guibourtia pellegriniana*, *Guibourtia tessmannii* (rosewoods, palisanders u bubingas)<br><br>Emenda għall-Annotazzjoni # 15 | annotazzjoni #15 kif ġej:<br><br>"Il-partijiet u d-derivattivi kollha, ħlief għal:<br>a. weraq, fjuri, għabra tad-dakra, frott, u żrieragħ;<br>b. prodotti lesti sa piż massimu ta' injam tal-ispeċi elenkati ta' 500g għal kull oġġett;<br>c. strumenti mużikali lesti, partijiet tal-istrumenti mużikali lesti u aċċessorji tal-istrumenti mużikali lesti;<br>d. partijiet u derivati ta' *Dalbergia cochinchinensis* u li huma koperti mill-Annotazzjoni #4;<br><br>partijiet u derivati ta' *Dalbergia* spp. li joriġinaw u huma esportati mill-Messiku u li huma koperti mill-Annotazzjoni #6." | | | |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 53 | *Pericopsis elata* (afrormosia)<br>Emenda għall-Annotazzjoni #5 | Espandi l-ambitu tal-annotazzjoni għal *Pericopsis elata* (bħalissa #5) biex jinkludi l-plywood u l-injam trasformat kif ġej:<br>"Iz-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetta, il-plywood u l-injam trasformat[1]."<br>[1] Fejn injam trasformat huwa definit skont il-kodiċi HS 44.09: Injam (inkluż strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parkè, mhux immuntat) b'forma kontinwa (mudullun, irbattut, ingastat-V, imżebbeġ jew simili) tul xi xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le. | Il-Kosta tal-Avorju, L-Unjoni Ewropea | Proposta konġunta mill-UE. | + |
| 54 | *Pterocarpus tinctorius* (padauk Afrikan) | 0 - II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | Il-Malawi | Appoġġa iżda ipproponi annotazzjoni (annotazzjoni #5 emendata b'mod potenzjali). L-ispeċi tissodisfa l-kriterji bijoloġiċi għall-elenkar fl-Appendiċi II kif ukoll il-kriterju dwar il-kummerċ (l-isfruttament huwa theddida sinifikanti għall-konservazzjoni tal-ispeċi, bil-qtugħ illegali ta' zkuk matul l-aħħar snin biex tkun sodisfatta d-domanda mill-kontinentAżjatiku). L-inklużjoni fl-Appendiċi II tipprovdi stimulant għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali. | (+) |
| 55 | *Aloe ferox* (Aloe morra)<br>Emenda għall- | II - II<br>"Emenda l-annotazzjoni #4 għal *Aloe ferox* kif ġej: Il- | L-Afrika t'Isfel | Appoġġa iżda ipproponi abbozz ta' deċiżjoni(jiet) li jinnomina lill-Kumitat | + |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | Annotazzjoni #4 | partijiet u d-derivattivi kollha, ħlief għal:<br>[…]<br>f. prodotti lesti[1] tal-<u>*Aloe ferox*</u> u l-*Euphorbia antisyphilitica* ippakkjati u lesti għall-kummerċ bl-imnut.<br>[1] Dan it-terminu, kif użat fl-Appendiċi tas-CITES jirreferi għal prodott, mibgħut bil-baħar bħala oġġett wieħed jew fi kwantitajiet kbar, li ma jeħtieġx aktar ipproċessar, ippakkjar, ittikkettjar għall-użu finali jew il-kummerċ bl-imnut fi stat tajjeb biex jinbiegħ lil jew jintuża mill-pubbliku ġenerali.” | | tal-Pjanti responsabbli għall-monitoraġġ tal-impatt tal-emenda proposta u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ ġestjoni. Jiġu ssodisfati l-kriterji tar-Riżoluzzjoni 11.21. | |
| 56 | *Adansonia grandidieri* (“Grandidier's baobab”)<br>Emenda għall-Annotazzjoni #16 | II – II<br>“Żrieragħ, frott, żjut u pjanti ħajjin” għall-elenkar ta’ *Adansonia grandidieri* fl-Appendiċi II billi titħassar ir-referenza għall-pjanti ħajjin, sabiex tinqara: “#16 Żrieragħ, frott u żjut” | L-Iżvizzera | Appoġġa. Jiġu ssodisfati l-kriterji tar-Riżoluzzjoni 11.21. | + |
| 57 | *Cedrela* spp (ċedru) | 0 - II<br>Għandu jiġi inkluż fl-App. II | L-Ekwador | Appoġġa jekk annotazzjoni hija inkluża fil-proposta bil-ħsieb li jiġu ristretti l-kontrolli tas-CITES għal dawk il-komoditajiet li l-ewwel jidhru fil-kummerċ internazzjonali bħala esportazzjonijiet minn Stati tal-firxa (li għandhom jiġu vvalutati u diskussi ma’ proponenti jekk eż. il-proposta għall-Annotazzjoni #5 | (+) |

| Nru. | Unità tassonomika / Dettalji | Il-proposta | Proponent | Kummenti | Pożizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | emendata tkun xierqa), u jekk il-proposta hija ristretta għall-popolazzjonijiet tat-tropiċi l-ġodda. L-unità tassonomika tissodisfa l-kriterji bijoloġiċi għall-elenkar fl-Appendiċi II (hemm evidenza ċara ta' tnaqqis fid-daqs tal-popolazzjoni), kif ukoll il-kriterju dwar il-kummerċ (uħud mill-ispeċi tal-ġeneru huma nnegozjati b'mod sinifikanti fuq livell internazzjonali, bl-isfruttament jiġi rikonoxxut bħala theddida għall-konservazzjoni tal-ispeċi). L-UE hija importatur minuri madwar id-dinja. | |

**ANNESS […]**